**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0252/2021**

26.7.2021

# RAPPORT

dwar strateġija UE-Ċina ġdida
(2021/2037(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Hilde Vautmans

Rapporteur għal opinjoni (*):
Iuliu Winkler, Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

(*) Kumitati assoċjati – l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

PR_INI

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ...............................3

OPINJONI TAL-MINORANZA ..................................................................................22

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI ..........................23

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI ................31

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI........32

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar strateġija UE-Ċina ġdida**
**(2021/2037(INI))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tat-12 ta' Marzu 2019 bit-titolu "UE-Ċina: Perspettiva strateġika" (JOIN(2019)0005),

– wara li kkunsidra d-djalogu bejn l-UE u ċ-Ċina dwar id-drittijiet tal-bniedem, imniedi fl-1995, u s-37 sessjoni tiegħu, li saret fi Brussell fl-1 u t-2 ta' April 2019,

– wara li kkunsidra s-Sħubija Strateġika bejn l-UE u ċ-Ċina varata fl-2003,

– wara li kkunsidra l-Aġenda Strateġika għall-Kooperazzjoni UE-Ċina 2020,

– wara li kkunsidra l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea ta' Ġunju 2016,

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1998[1] u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1999[2] tas-7 ta' Diċembru 2020 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Hong Kong tat-28 ta' Lulju 2020,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, b'mod partikolari dawk tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar ix-xogħol furzat u s-sitwazzjoni tal-Ujguri fir-Reġjun Awtonomu Ujgur tax-Xinjiang[3], tat-18 ta' April 2019 dwar iċ-Ċina, b'mod partikolari s-sitwazzjoni tal-minoranzi reliġjużi u etniċi[4], tal-4 ta' Ottubru 2018 dwar id-detenzjoni arbitrarja tal-massa tal-Ujguri u l-Każaki fir-Reġjun Awtonomu Ujgur ta' Xinjiang[5], tat-12 ta' Settembru 2018 dwar il-qagħda tar-relazzjonijiet UE-Ċina[6], u tal-15 ta' Diċembru 2016 dwar il-każijiet tal-Akkademja Buddista Tibetana ta' Larung Gar u Ilham Tohti[7],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet preċedenti tiegħu dwar Hong Kong, b'mod partikolari dawk tad-19 ta' Ġunju 2020 dwar il-liġi tal-PRC dwar is-sigurtà nazzjonali għal Hong Kong u l-ħtieġa li l-UE tiddefendi l-livell għoli ta' awtonomija ta' Hong Kong[8], tal-21 ta' Jannar 2021 dwar ir-repressjoni tal-oppożizzjoni

[1] ĠU L 410 I, 7.12.2020, p. 1.
[2] ĠU L 410 I, 7.12.2020, p. 13.
[3] Testi adottati, P9_TA(2020)0375.
[4] ĠU C 158, 30.4.2021, p. 2.
[5] ĠU C 11, 13.1.2020, p. 25.
[6] ĠU C 433, 23.12.2019, p. 103.
[7] ĠU C 238, 6.7.2018, p. 108.
[8] Testi adottati, P9_TA(2020)0174.

demokratika f'Hong Kong[9], u tat-13 ta' Diċembru 2017 lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà f'Hong Kong, 20 sena wara t-trasferiment[10],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Novembru 2020 dwar ir-Rieżami tal-Politika Kummerċjali tal-UE[11],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-kontrosanzjonijiet Ċiniżi fuq entitajiet tal-UE, Membri tal-PE u Deputati nazzjonali[12],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2021 dwar il-konnettività u r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Asja[13],

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (UDHR) u trattati u strumenti oħra tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-bniedem,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU tal-1948 dwar il-Prevenzjoni u l-Kastig tad-Delitt ta' Ġenoċidju,

– wara li kkunsidra l-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol tal-1930 dwar ix-Xogħol Furzat, li ma ġiex iffirmat miċ-Ċina,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u l-Ftehim ta' Pariġi, li daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS) konkluża fl-10 ta' Diċembru 1982 u li ilha fis-seħħ mis-16 ta' Novembru 1994,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp ta' Riflessjoni Maħtur mis-Segretarju Ġenerali tan-NATO tal-25 ta' Novembru 2020 bit-titolu "NATO 2030: United for a New Era" (NATO 2030: Magħquda għal Era Ġdida),

– wara li kkunsidra l-14-il Pjan ta' Ħames Snin taċ-Ċina u l-prinċipji ta' "ċirkolazzjoni doppja" u "ktajjen tal-provvista sikuri",

– wara li kkunsidra l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, li jiggarantixxi liċ-ċittadini kollha d-dritt għal-libertà tat-twemmin reliġjuż, u l-Artikolu 4 tagħha, li jiddefendi d-drittijiet tan-"nazzjonalitajiet f'minoranza",

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali,

[9] Testi adottati, P9_TA(2021)0027.
[10] ĠU C 369, 11.10.2018, p. 156.
[11] Testi adottati, P9_TA(2020)0337.
[12] Testi adottati, P9_TA(2021)0255.
[13] Testi adottati, P9_TA(2021)0016.

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-0252/2021),

A. billi, fil-qafas strateġiku tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, l-UE twiegħed li se tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, u l-istat tad-dritt "fl-oqsma kollha tal-azzjoni esterna tagħha, mingħajr eċċezzjoni" u li se "tqiegħed id-drittijiet tal-bniedem fil-qalba tar-relazzjonijiet tagħha mal-pajjiżi terzi kollha, inklużi s-sħab strateġiċi tagħha";

B. billi permezz tat-tkabbir ekonomiku qawwi u l-aġenda assertiva tal-politika barranija tagħha, b'mod partikolari l-istrateġija ta' investiment tagħha, il-politiki "Going Global" u "Made in China 2025", u l-Inizjattiva "Belt and Road" (BRI), iċ-Ċina qed timplimenta rwol globali aktar b'saħħtu kemm bħala setgħa ekonomika kif ukoll bħala attur fil-politika barranija, li jippreżenta sfidi politiċi, ekonomiċi, ta' sigurtà u teknoloġiċi serji għall-UE, li mbagħad joħloq konsegwenzi sinifikanti u fit-tul għall-ordni dinji u jhedded serjament il-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli u l-valuri demokratiċi ewlenin;

C. billi r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina hija Stat unitarju, komunista b'partit wieħed, irregolat mill-Partit Komunista taċ-Ċina (CPC), li huwa impenjat favur il-Marxiżmu-Leniniżmu; billi ma taqsam l-ebda valur demokratiku bħal-libertà individwali, il-libertà tal-kelma u l-libertà tar-reliġjon;

D. billi ċ-Ċina qed taspira dejjem aktar għal rwol aktar globali, hekk kif il-President Ċiniż Xi Jinping pubblikament wiegħed fir-rapport tiegħu li sar fid-19-il Kungress tal-Partit Komunista fl-2017 li sal-2049 iċ-Ċina se ssir protagonista globali f'termini ta' saħħa nazzjonali komposta u influwenza internazzjonali;

E. billi t-tradizzjoni fit-tul tad-demokrazija f'Hong Kong u fit-Tajwan turi li d-demokrazija hija apprezzata mill-poplu Ċiniż;

F. billi ċ-Ċina għandha rekord ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem li jevita l-impenji bilaterali u multilaterali tal-pajjiż f'dawn l-oqsma; billi ċ-Ċina ppreżentat regolarment riżoluzzjonijiet lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU bil-għan li l-prinċipji tas-"sovranità, in-nuqqas ta' indħil u r-rispett reċiproku" isiru prinċipji fundamentali mhux negozjabbli li jiġu qabel il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-individwi; billi ċ-Ċina qed twettaq il-persekuzzjoni sistemika tal-poplu Ujgur, it-Tibetani, il-Mongoli u minoranzi etniċi oħra, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-attivisti soċjali, il-gruppi reliġjużi, il-ġurnalisti, u l-petizzjonanti u d-dimostranti kontra l-inġustizzji, kif ukoll ir-repressjoni dejjem tikber tal-ilħna kollha li ma jaqblux u ta' oppożizzjoni, speċjalment f'Hong Kong; billi l-miżuri ta' avvjament u l-impenji mhux vinkolanti ma kinux biżżejjed biex iżidu l-impenn taċ-Ċina għal valuri li huma fundamentali għall-UE;

G. billi t-tluq reċenti ta' korrispondenti barranin miċ-Ċina u t-tikkettar mill-awtoritajiet Ċiniżi tal-Klabb tal-Korrispondenti Barranin bħala "organizzazzjoni illegali" huma l-aħħar f'serje twila u li qed tiżdied ta' każijiet ta' fastidju u ta' tfixkil kontra ġurnalisti barranin, li fl-aħħar mill-aħħar qed jitilqu miċ-Ċina; billi dan huwa parti minn sforz biex fid-dinja kollha jiġi kkontrollat id-diskors dwar iċ-Ċina u biex jiġi ddeterminat x'tip ta' diskors u diskussjonijiet jistgħu jsiru b'mod globali, u jqis dan l-isforz bħala parti minn theddida totalitarja;

H. billi l-istrateġija eżistenti tal-UE dwar iċ-Ċina żvelat il-limitazzjonijiet tagħha fid-dawl tal-iżviluppi reċenti u tal-isfidi globali maħluqa miċ-Ċina u jeħtieġ li tiġi aġġornata;

I. billi l-Parlament appella lill-Kummissjoni għal eżerċizzju esplorattiv u valutazzjoni tal-impatt sabiex tibda formalment in-negozjati mat-Tajwan mill-aktar fis possibbli;

J. billi mit-tnedija tal-kampanja tal-Gvern Ċiniż fl-2014 bl-isem "Strike hard against violent terrorism" (Niġġieldu sew kontra t-terroriżmu vjolenti), is-sitwazzjoni tal-Ujguri u minoranzi etniċi primarjament Musulmani oħra fir-Reġjun Awtonomu ta' Xinjiang Uyghur marret għall-agħar malajr; billi aktar minn miljun persuna jinsabu l-ħabs f'kampijiet ta' detenzjoni, imsejħa ċentri ta' "edukazzjoni politika mill-ġdid" jew ta' "taħriġ", li fihom l-Ujguri huma soġġetti għal xogħol sistemiku furzat, tortura, għajbien furzat, sorveljanza tal-massa, tħassir kulturali u reliġjuż, l-isterilizzazzjoni furzata tan-nisa, vjolenza sesswali, ksur tad-drittijiet riproduttivi u separazzjoni tal-familja; billi l-analiżi legali kkonkludiet li dawn ir-reati jikkostitwixxu reati kontra l-umanità, anki allegat ġenoċidju, fi ħdan il-qafas legali internazzjonali; billi diversi parlamenti nazzjonali adottaw pożizzjonijiet ta' dan it-tip;

K. billi r-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem jippermetti lill-UE timponi miżuri restrittivi fuq individwi, entitajiet u korpi fil-mira, inklużi stati u atturi mhux statali, li jkunu responsabbli għal, involuti fi jew assoċjati ma' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u abbużi; billi fit-22 ta' Marzu 2021 ġew inklużi erba' individwi Ċiniżi u entità waħda direttament responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Reġjun Awtonomu ta' Xinjiang Uyghur fil-lista ta' persuni fiżiċi u entitajiet soġġetti għal dawn il-miżuri restrittivi; billi b'reazzjoni għal dawn il-miżuri, iċ-Ċina imponiet kontrosanzjonijiet fuq għaxar individwi Ewropej u erba' entitajiet, inklużi ħames Membri tal-Parlament Ewropew u żewġ korpi istituzzjonali tal-UE, is-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Parlament Ewropew u l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll żewġ akkademiċi Ewropej, żewġ gruppi ta' riflessjoni fil-Ġermanja u l-Fondazzjoni tal-Alleanza tad-Demokraziji fid-Danimarka; billi s-sanzjonijiet Ċiniżi ma kellhomx ġustifikazzjoni legali u bażi legali u kienu mmirati direttament mhux biss lejn l-individwi u l-entitajiet ikkonċernati iżda wkoll lejn l-Unjoni Ewropea kollha kemm hi; billi s-sanzjonijiet huma tentattiv ċar biex jiskoraġġixxu lill-UE milli tkompli bil-ħidma u l-azzjoni tagħha kontra l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina;

1. Jirrakkomanda li l-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) u l-Kunsill:

(a) jiżviluppa strateġija UE-Ċina aktar assertiva, komprensiva u konsistenti li tgħaqqad l-Istati Membri kollha u tifforma relazzjonijiet ma' Beijing fl-interess tal-UE kollha kemm hi, bid-difiża tal-valuri tagħna fil-qalba tagħha u tippromwovi ordni multilaterali bbażat fuq ir-regoli; jissottolinja li l-istrateġija jeħtieġ li tqis in-natura multidimensjonali tar-relazzjoni tal-UE maċ-Ċina; jenfasizza li ċ-Ċina hija sieħeb ta' kooperazzjoni u negozjar għall-UE, iżda hija wkoll kompetitur ekonomiku u rivali sistemiku f'għadd dejjem akbar ta' oqsma;

(b) jipproponi li din l-istrateġija tkun ibbażata fuq sitt pilastri:

1) Djalogu miftuħ u kooperazzjoni dwar l-isfidi globali;

2) Involviment imsaħħaħ dwar il-valuri universali, in-normi internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem;
3) L-analiżi u l-identifikazzjoni tar-riskji, il-vulnerabbiltajiet u l-isfidi;
4) Il-bini ta' sħubijiet ma' sħab tal-istess fehma;
5) It-trawwim ta' awtonomija strateġika miftuħa, inkluż fir-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment;
6) Difiża u promozzjoni tal-interessi u l-valuri Ewropej ewlenin billi l-UE tinbidel f'attur ġeopolitiku aktar effettiv;

***Djalogu miftuħ u kooperazzjoni dwar l-isfidi globali***

2. Jistieden lill-VP/RGħ biex jiżgura li l-istrateġija UE-Ċina l-ġdida tinvolvi liċ-Ċina fi djalogu bbażat fuq il-prinċipji u orjentat lejn l-interessi dwar l-isfidi globali, bħad-drittijiet tal-bniedem, billi jiżviluppa strateġija tal-UE ambizzjuża, olistika u orjentata lejn ir-riżultati għad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina bħala parti minn din l-istrateġija UE-Ċina l-ġdida, l-ambjent u t-tibdil fil-klima, id-diżarm nukleari, il-promozzjoni tal-irkupru ekonomiku mill-COVID-19, il-ġlieda kontra l-kriżijiet tas-saħħa globali, u r-riforma ta' organizzazzjonijiet multilaterali speċifiċi; jappella li dan id-djalogu jkun xprunat mill-prinċipji u l-interessi fundamentali tal-UE u li jsegwi l-objettivi ewlenin tal-involviment estern tal-UE; jisħaq li hija meħtieġa kooperazzjoni tajba bejn iż-żewġ sħab biex jiġu indirizzati l-problemi globali; itenni li ċ-Ċina tibqa' sieħeb importanti għall-UE;

3. Jappoġġja djalogu u kooperazzjoni akbar maċ-Ċina dwar il-paċi u s-sigurtà; jirrikonoxxi l-importanza tal-kooperazzjoni maċ-Ċina biex tappoġġja l-proċess ta' paċi fl-Afganistan u tiskoraġġixxi lill-Korea ta' fuq milli tkompli l-programm nukleari tagħha; japprova t-tiftix ta' kooperazzjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli, il-kontributi għall-assistenza umanitarja u l-għajnuna għad-diżastri, il-kwistjonijiet ambjentali, spazjali u ajruspazjali, ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni, filwaqt li jinsisti bis-sħiħ fuq il-libertà tar-riċerka; jisħaq li dawn id-djalogi u l-kooperazzjoni jridu jkunu bbażati fuq impenn kondiviż għall-ftuħ u l-ħidma flimkien b'mod trasparenti, ġust u ekwu bħala parti minn sistema internazzjonali bbażata fuq ir-regoli, filwaqt li jiġi żgurat is-salvagwardjar tal-interessi u l-valuri Ewropej u l-iżvilupp tal-kapaċità tal-Ewropa li tikkompeti maċ-Ċina kull fejn ikun meħtieġ;

4. Jindika li xi oqsma ta' kooperazzjoni bħall-ICT, l-ispazju u l-ajruspazju jista' jkollhom applikazzjoni b'użu doppju u jistgħu jintużaw kontra ċ-ċittadini Ċiniżi u l-Punent;

5. Jissottolinja l-importanza li jiġi mħeġġeġ l-impenn taċ-Ċina biex tindirizza t-tibdil fil-klima u kwistjonijiet ambjentali oħra billi ssaħħaħ sħubija bejn l-UE u ċ-Ċina f'dan il-qasam u jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li kemm l-UE kif ukoll iċ-Ċina jaderixxu mal-impenji rispettivi tagħhom fl-ambitu tal-Ftehim ta' Pariġi; jisħaq fuq l-importanza li l-UE timplimenta mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri; jinnota li matul l-aħħar tliet deċennji ċ-Ċina ttriplat l-emissjonijiet tal-karbonju tagħha u issa qed tarmi 27 % tal-gassijiet serra tad-dinja; jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata l-koerenza bejn l-ambizzjonijiet globali mħabbra miċ-Ċina fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-impatti ambjentali tal-istrateġiji ta' investiment tagħha fuq livell lokali u barra mill-pajjiż; jistieden lill-Gvern Ċiniż iżomm lura milli jesporta l-kapaċità tal-faħam tiegħu lejn pajjiżi terzi, b'mod partikolari fil-qafas tal-BRI;

6. Jappella li d-Djalogi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem orjentati lejn ir-riżultati jsiru fuq bażi annwali u jiġu evalwati regolarment u jitlob li jsir parametraġġ referenzjarju solidu tal-progress li sar fid-djalogi bilaterali b'mod aktar ġenerali biex jiġi żgurat li dawn l-iskambji jipproduċu eżiti pożittivi ġenwini għad-drittijiet tal-bniedem u għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina; jitlob li r-riżultati tal-valutazzjoni komparattiva u kwalunkwe progress, staġnar jew deterjorament jiġu diskussi b'mod trasparenti; jitlob li d-drittijiet tal-bniedem jitqajmu b'mod regolari fl-ogħla livell politiku, kemm fis-Summits bejn l-UE u ċ-Ċina kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri; jappella, barra minn hekk, għal djalogu parallel dwar id-drittijiet tal-bniedem, li jinvolvi d-diplomatiċi tal-UE u tal-Istati Membri, id-dijaspora Ċiniża, l-NGOs, l-akkademiċi u l-leġiżlaturi liberi u indipendenti, immirati lejn il-ħolqien ta' fehim aħjar tas-sistema Ċiniża u t-tfassil ta' strateġiji aħjar biex jiġi influwenzat il-progress tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina; jissottolinja li dawn id-Djalogi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jeħtieġ li jinkludu, iżda ma jridux ikunu limitati għal, il-kwistjonijiet li ġejjin: il-libertà tal-media u l-libertà tal-istampa, id-drittijiet tal-minoranzi, inkluż fir-reġjuni ta' Xinjiang, il-Mongolja Interna u t-Tibet, u aċċess liberu għal dawn ir-reġjuni inkluż għad-diplomatiċi u l-ġurnalisti, is-sitwazzjoni ta' Hong Kong, il-libertà tal-kelma, id-drittijiet tax-xogħol, id-dritt ta' għaqda, il-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin, u l-istat tad-dritt fiċ-Ċina b'mod ġenerali; jilqa' l-ħatra ta' Mibgħut Speċjali ġdid tal-UE għall-Promozzjoni tal-Libertà ta' Reliġjon jew ta' Twemmin Barra mill-Unjoni, u jitlob li l-Mibgħut Speċjali l-ġdid ikun involut b'mod attiv fl-appoġġ tas-sitwazzjoni tal-gruppi u l-entitajiet reliġjużi kollha, inklużi l-Musulmani, l-Insara u l-Buddisti, li jiffaċċjaw persekuzzjoni fiċ-Ċina kontinentali u f'Hong Kong; jitlob lill-istituzzjonijiet rilevanti tal-UE biex jużaw dawn id-Djalogi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ħalli jressqu każijiet individwali; għadu mħasseb ħafna dwar id-detenzjoni kontinwa taċ-ċittadin u pubblikatur Żvediż Gui Minhai; iħeġġeġ intervent mill-UE u mill-Istati Membri fl-ogħla livell biex jiġi żgurat il-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet tal-priġunieri politiċi kollha; jesprimi tħassib dwar il-ksur sistemiku tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina u jikkundanna l-każijiet kollha ta' arresti arbitrarji u soppressjoni tal-fluss liberu tal-informazzjoni u l-libertà tal-espressjoni;

7. Jitlob lill-UE tinvolvi ruħha fi djalogu maċ-Ċina dwar modi possibbli biex ittejjeb, b'mod trasparenti, il-kapaċitajiet ta' rispons inizjali għall-mard infettiv li għandhom il-potenzjal li jiżviluppaw f'epidemiji jew pandemiji, inkluż ir-rikonoxximent, l-immappjar tar-riskji u s-sistemi ta' twissija bikrija biex tiġi żgurata tħejjija globali aħjar għar-rispons għall-pandemiji; jistieden ukoll liċ-Ċina tikkoopera bis-sħiħ f'investigazzjoni indipendenti dwar l-oriġini tas-SARS-COV-2;

8. Jappoġġja l-espansjoni tal-kuntatti bejn il-popli fuq iż-żewġ naħat kif ukoll iż-żjarat reċiproċi ta' skambju tal-istudenti, iżda jħeġġeġ lill-Istati Membri jimmonitorjaw aħjar l-impatt tal-interferenza tal-Gvern Ċiniż fil-libertà akkademika;

***Involviment imsaħħaħ dwar il-valuri universali, in-normi internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem***

9. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli s-sanzjonijiet bla bażi u arbitrarji imposti mill-awtoritajiet Ċiniżi, li huma ekwivalenti għal attakk fuq il-libertà tal-kelma, fuq il-libertà akkademika u fuq l-impenn internazzjonali favur id-drittijiet universali tal-bniedem u l-fehim tagħhom; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Ċiniżi jneħħu dawn il-miżuri

mhux ġustifikati; iqis li s-sanzjonijiet imposti mill-awtoritajiet Ċiniżi jkomplu jnaqqsu l-fiduċja u jxekklu l-kooperazzjoni bilaterali;

10. Jissottolinja li l-proċess ta' kunsiderazzjoni u ta' ratifika għall-Ftehim Komprensiv dwar l-Investiment (CAI) bejn l-UE u ċ-Ċina ma jistax jibda qabel ma jitneħħew is-sanzjonijiet Ċiniżi kontra l-Membri tal-Parlament Ewropew u l-istituzzjonijiet tal-UE;

11. Jenfasizza, f'dan il-kuntest, ir-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2021 dwar il-kontrosanzjonijiet Ċiniżi; jistieden lill-Kummissjoni, f'konformità mar-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-20 ta' Mejju 2021 dwar il-kontrasanzjonijiet Ċiniżi u mal-Artikolu 21(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, biex tuża l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tagħha kif ukoll id-dibattitu dwar is-CAI bħala lieva biex ittejjeb il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u ssostni s-soċjetà ċivili fiċ-Ċina; iħeġġeġ liċ-Ċina tieħu miżuri konkreti biex ittemm ksur ieħor tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, bħal xogħol furzat u l-persekuzzjoni sistematika tal-Ujguri u ta' gruppi oħra ta' minoranzi Musulmani Turkiċi, Tibetani, Insara u ta' komunitajiet u ta' knejjes reliġjużi oħra, u li tirrispetta l-impenji internazzjonali tagħha fil-konfront ta' Hong Kong fl-ambitu tad-Dikjarazzjoni Konġunta Sino-Brittanika u l-Liġi Bażika ta' Hong Kong permezz tas-sospensjoni tar-riformi ppjanati għas-sistema elettorali tal-belt u r-rilaxx ta' leġiżlaturi u attivisti favur id-demokrazija;

12. Jissottolinja li l-Parlament iqis is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, inkluż f'Hong Kong, qabel ma jiddetermina l-pożizzjoni tiegħu; itenni t-tħassib serju ħafna tiegħu rigward d-diversi abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina u jfakkar li huwa essenzjali r-rispett sħiħ tal-valuri universali, indipendentement mid-differenzi bejn iż-żewġ sistemi;

13. Jistieden liċ-Ċina tosserva l-istandards internazzjonali, inkluż fir-rigward tal-impatt tagħha fuq il-klima, l-ambjent, il-bijodiversità, il-faqar, is-saħħa, id-drittijiet relatati max-xogħol u d-drittijiet tal-bniedem; iħeġġeġ liċ-Ċina, fil-kuntest tal-promozzjoni tal-kummerċ u tal-iżvilupp sostenibbli, tieħu azzjoni konkreta favur ir-ratifika u l-implimentazzjoni tal-erba' Konvenzjonijiet fundamentali pendenti tal-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (ILO) u tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi; jesprimi dispjaċir għall-fatt li diversi kumpaniji internazzjonali, b'mod partikolari fis-settur tal-ħwejjeġ u tat-tessuti, kienu suġġetti għal bojkott estensiv u mifrux wara li esprimew tħassib dwar ir-rapporti ta' xogħol furzat fix-Xinjiang u ħadu d-deċiżjoni li jaqtgħu r-rabtiet tal-ktajjen ta' provvista max-Xinjiang, u jikkundanna bil-qawwa l-koerċizzjoni politika eżerċitata kontrihom mill-Gvern Ċiniż; itenni t-talba tiegħu li l-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (EEAS) jiffinalizzaw malajr gwida dwar il-ktajjen ta' provvista indirizzata lill-kumpaniji li tagħtihom konsulenza dwar l-espożizzjoni għar-riskji li jisfruttaw ix-xogħol furzat tal-Ujguri u li tipprovdi appoġġ fl-identifikazzjoni urġenti ta' sorsi ta' provvista alternattivi;

14. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni tas-suq intern, kif ukoll kwalunkwe qafas ta' diliġenza dovuta jew projbizzjoni furzata fuq l-importazzjoni tax-xogħol, jintużaw b'mod effiċjenti u effettiv sabiex jiġu esklużi entitajiet li joperaw fis-suq intern tal-UE li huma direttament jew indirettament involuti f'abbużi tad-drittijiet tal-bniedem f'Xinjiang; jistieden ukoll lill-kumpaniji Ewropej fiċ-Ċina, bħala parti mir-responsabbiltà korporattiva tagħhom, iwettqu investigazzjoni bir-reqqa dwar l-użu tax-

xogħol furzat fil-ktajjen tal-provvista tagħhom;

15. Iħeġġeġ lill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem biex tniedi investigazzjonijiet legali indipendenti dwar allegat ġenoċidju, allegati reati kontra l-umanità u ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi programmi ta' xogħol furzat li jseħħu f'diversi reġjuni fiċ-Ċina, u jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jipprovdu l-appoġġ politiku tagħhom u jagħtu appoġġ internazzjonali lil din l-investigazzjoni; jistieden lill-awtoritajiet Ċiniżi jippermettu aċċess liberu, sinifikanti u mingħajr xkiel għar-reġjun; huwa mħasseb ħafna dwar ir-rapporti tal-programmi tax-xogħol fit-Tibet, li qed jiġu ttikkettati wkoll "kampijiet ta' taħriġ vokazzjonali" mill-awtoritajiet Ċiniżi; jistieden liċ-Ċina tikkonforma mal-obbligi tagħha fl-ambitu tad-dritt nazzjonali u internazzjonali għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-minoranzi f'Xinjiang, fit-Tibet u fil-Mongolja Interna;

16. Jikkundanna l-fatt li l-libertà tal-espressjoni, il-libertà ta' assoċjazzjoni u l-libertà tal-istampa huma ristretti ħafna fiċ-Ċina; jiddeplora l-persekuzzjoni politika li għaliha ġew soġġetti ħafna ġurnalisti, li issa jinsabu f'eżilju; jistieden liċ-Ċina tiżgura li l-ġurnalisti kollha jkunu jistgħu jwettqu xogħolhom b'mod liberu, mingħajr kiel u biża' ta' ritaljazzjoni; jisħaq li għandha tiġi żgurata l-libertà tal-istampa u tal-media; jitlob li l-UE tappoġġja l-libertà tal-kelma u l-media ħielsa fiċ-Ċina billi tistabbilixxi Fond Ewropew għall-Media Demokratika biex jappoġġja l-ġurnaliżmu indipendenti;

17. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq 'il quddiem il-Qafas ta' Diliġenza Dovuta Obbligatorju propost għad-Drittijiet tal-Bniedem bħala kwistjoni ta' urġenza u tappoġġja l-isforzi biex tinkiseb l-adozzjoni ta' strument simili fil-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti;

18. Jistieden lill-Kummissjoni tesprimi t-tħassib tagħha dwar l-Ordni 15 il-ġdida, li tkompli tirrestrinġi n-nies reliġjużi u l-mexxejja tagħhom, lill-awtoritajiet Ċiniżi;

19. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ il-pakkett ta' miżuri li ntlaħaq qbil dwaru wara l-introduzzjoni tal-Liġi Nazzjonali dwar is-Sigurtà għal Hong Kong f'Lulju 2020 u jirrieżaminaw il-politiki tagħhom dwar l-ażil, il-migrazzjoni, il-viża u r-residenza għan-nies ta' Hong Kong; iħeġġeġ lill-VP/RGħ u lill-Kunsill jipproponu u jadottaw konklużjonijiet dwar Hong Kong; jappella għal miżuri mmirati fl-ambitu tar-Reġim Globali tal-UE dwar is-Sanzjonijiet fuq id-Drittijiet tal-Bniedem, kif meħtieġ, sabiex tiġi indirizzata r-repressjoni f'Hong Kong; jappella wkoll għat-tħassir miċ-Ċina tal-Liġi Nazzjonali dwar is-Sigurtà imposta fuq Hong Kong f'Ġunju 2020; jistieden lil dawk l-Istati Membri li għad għandhom fis-seħħ trattati ta' estradizzjoni maċ-Ċina u Hong Kong jissospendu l-estradizzjoni individwali kull meta l-estradizzjoni ta' individwu tpoġġihom f'riskju ta' tortura jew ta' trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti, fejn dak l-individwu jkun qed jiffaċċja akkużi għal raġunijiet politikament motivati, f'sitwazzjonijiet oħra fejn il-minoranzi etniċi, ir-rappreżentanti tal-oppożizzjoni favur id-demokratika f'Hong Kong u d-dissidenti b'mod ġenerali jkunu mmirati, u kull meta dan ikun qed jikser l-obbligi tal-UE fl-ambitu tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

20. Jirrakkomanda li t-tmexxija tal-UE u tal-Istati Membri tirrifjuta l-istediniet għall-Olimpijadi tax-Xitwa ta' Beijing f'każ li s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina u f'Hong Kong ma titjiebx u ma jseħħ l-ebda Summit/Djalogu ta' livell għoli bejn l-UE

u ċ-Ċina dwar id-Drittijiet tal-Bniedem b'eżitu tanġibbli qabel l-avveniment;

21. Jesprimi dispjaċir għall-appoġġ taċ-Ċina għar-reġimi l-aktar oppressivi fid-dinja, b'mod partikolari fis-Sirja, fl-Iran u fil-Korea ta' Fuq, iżda wkoll fil-Venezwela u f'Kuba;

***L-analiżi u l-identifikazzjoni tar-riskji, il-vulnerabbiltajiet u l-isfidi***

22. Jemmen li l-istrateġija futura tal-UE dwar iċ-Ċina għandha tipprovdi l-għodod u d-data meħtieġa biex jiġu indirizzati t-theddidiet politiċi, ekonomiċi, soċjali u teknoloġiċi li jirriżultaw miċ-Ċina, inkluż permezz tal-BRI tagħha, l-Istrateġija ta' Ċirkolazzjoni Doppja, l-14-il Pjan ta' Ħames Snin, u Made in China 2025, China Standards 2035 u l-politiki 16+1, inklużi l-modernizzazzjoni militari tagħha u l-bini tal-kapaċitajiet, u l-implikazzjonijiet ta' dan għall-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni u għall-ordni multilaterali bbażata fuq ir-regoli; jinnota li hemm ħtieġa urġenti li jiġu żgurati r-rieda politika u r-riżorsi għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Konnettività tal-UE; jappella għal koordinazzjoni akbar bejn l-Istrateġija ta' Konnettività tal-UE u n-Network Blue Dot sabiex tiġi pprovduta alternattiva sostenibbli għall-BRI; jilqa' l-ftehim tal-mexxejja tal-G7 biex tiġi żviluppata sħubija għal bini mill-ġdid aħjar għad-dinja – l-inizjattiva "Build Back Better World" (B3W) – bħala alternattiva għall-BRI taċ-Ċina; jistieden lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE jħaddnu l-inizjattiva u jikkontribwixxu għaliha;

23. Jistieden lill-Kummissjoni tikkummissjona awditu madwar l-UE kollha, imqassam skont l-Istat Membru, tad-dipendenza tal-UE miċ-Ċina f'ċerti setturi strateġikament importanti u kritiċi, inklużi l-provvisti farmaċewtiċi, jekk possibbli kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak sottonazzjonali, filwaqt li tibni fuq l-analiżi komprensiva reċenti tagħha bit-titolu "Strategic dependencies and capacities" (Dipendenzi u kapaċitajiet strateġiċi) (SWD(2021)0352), li tistabbilixxi pjanijiet biex jitnaqqsu r-riskji relatati ma' dipendenzi mhux mixtieqa, filwaqt li jinżammu r-relazzjonijiet ġenerali maċ-Ċina, li għandhom ikunu kemm jista' jkun reċiproċi u bbilanċjati u allinjati mal-valuri u l-prijoritajiet strateġiċi tal-UE;

24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jelaboraw mekkaniżmi biex jindirizzaw dan it-theddid b'mod koerenti, b'mod partikolari permezz ta':

(a) l-iżgurar tal-unità tal-UE fil-livell tal-Istati Membri, li hija meħtieġa biex tkun tista' timplimenta kif xieraq l-istrateġija UE-Ċina l-ġdida; l-appell lill-Istati Membri kollha biex iżommu l-valuri ewlenin tal-UE;

(b) il-bini fuq is-sett ta' għodod tal-UE għall-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju nazzjonali, reġjonali u lokali biex jiġu żviluppati standards globali bi sħubija ma' sħab tal-istess fehma għall-ġenerazzjoni l-ġdida ta' teknoloġiji f'konformità mal-valuri demokratiċi, bħan-networks 5G u 6G, u l-iżgurar li l-kumpaniji li ma jissodisfawx l-istandards tas-sigurtà jiġu esklużi mill-iżvilupp tan-network 5G u 6G;

(c) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-UE biex tikseb tmexxija globali, inkluż permezz ta' kooperazzjoni ma' sħab tal-istess fehma;

(d) l-iżgurar ta' koordinazzjoni istituzzjonali bejn il-Kummissjoni, il-Kunsill u s-SEAE

qabel avvenimenti relatati mal-BRI, u l-kooperazzjoni mal-Istati Membri biex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet meħuda minn dawk involuti fl-inizjattiva jkunu konformi mal-politiki u l-interessi tal-UE u jirrispettaw il-valuri fundamentali tal-UE; jisħaq li l-konsultazzjonijiet iridu jsiru fil-livell tal-UE, pereżempju permezz ta' laqgħa konġunta bejn il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà u l-Kumitat tal-Politika Kummerċjali fil-livell tal-Kunsill, qabel avvenimenti relatati mal-BRI sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jitkellmu b'vuċi waħda; jisħaq li l-BRI jeħtieġlu jissodisfa l-istandards internazzjonali; jissottolinja li l-proġetti tal-BRI jridu jiġu mmonitorjati mill-qrib, inkluż fir-rigward tal-effetti politiċi negattivi tagħhom fl-UE;

(e) il-monitoraġġ ta' kuntratti infrastrutturali ewlenin fl-Istati Membri u fil-pajjiżi tal-adeżjoni biex tiġi żgurata l-konformità tagħhom mal-leġiżlazzjoni tal-UE, kif ukoll l-allinjament tagħhom mal-interessi strateġiċi tal-UE, kif definiti mill-istrateġija UE-Ċina; il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika mill-influwenza ta' pajjiżi terzi, li tista' tkun ta' detriment għall-UE u għall-interessi ekonomiċi u ta' sigurtà tal-Istati Membri tagħha;

25. Jissottolinja li l-involviment bilaterali u mhux koordinat ta' xi Stati Membri maċ-Ċina, u n-nuqqas ta' informazzjoni lill-Kummissjoni meta tiffirma Memoranda ta' Qbil ma' pajjiżi terzi, ikun kontroproduttiv u ta' ħsara għall-pożizzjoni globali tal-UE u għall-vantaġġ li l-Istati Membri tagħha għandhom fin-negozjati meta jaġixxu bħala Unjoni aktar milli atturi indipendenti tal-Istat; jitlob lill-Istati Membri jżommu lura milli jiffirmaw kwalunkwe memorandum bħal dan mingħajr ma jikkonsultaw lill-Kunsill u lill-Kummissjoni; jappella għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni fil-livell tal-UE biex jittratta kwistjonijiet bħal dawn; ifakkar fl-Artikolu 24 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jgħid li "l-Istati Membri għandhom isostnu l-politika esterna u ta' sigurtà tal-Unjoni attivament u mingħajr riserva fi spirtu ta' lealtà u solidarjetà reċiproka" u li "għandhom joqgħodu lura minn kull azzjoni li tkun kontra l-interessi tal-Unjoni jew li x'aktarx tagħmel ħsara għall-effettività tagħha bħala forza b'koeżjoni fir-relazzjonijiet internazzjonali";

26. Jisħaq li l-implimentazzjoni tal-istrateġija UE-Ċina u tal-istrateġiji u l-politiki nazzjonali fil-konfront taċ-Ċina għandha tiġi kkoordinata regolarment bejn l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri, id-Direttorati Ġenerali differenti tal-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew, sabiex tiġi żgurata politika komprensiva u konsistenti li tevita l-kompartimentalizzazzjoni ta' oqsma ta' politika separati; jemmen li l-politiki għandhom jiġu kkoordinati wkoll ma' atturi reġjonali u lokali li jiżviluppaw u jżommu rabtiet maċ-Ċina;

27. Jesprimi tħassib dwar l-inċidenza dejjem akbar ta' attakki ibridi, spjunaġġ industrijali miċ-Ċina u serq ċibernetiku kontra kumpaniji Ewropej; jisħaq fuq l-importanza tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet ċibernetiċi privati u pubbliċi; jappella għal kooperazzjoni aktar b'saħħitha u l-istabbiliment ta' sistema mmirata lejn it-tmiem ta' atti malizzjużi fl-ispazju ċibernetiku min-naħa taċ-Ċina, inklużi attakki ċibernetiċi, trasferimenti teknoloġiċi furzati, spjunaġġ ċibernetiku u serq ta' proprjetà intellettwali ffaċilitat miċ-ċibernetika; jissottolinja l-ħtieġa li titrawwem kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-pajjiżi tan-NATO u tal-G7 fil-ġlieda kontra t-theddid ibridu, inklużi l-attakki ċibernetiċi, u l-kampanji ta' diżinformazzjoni li jirriżultaw miċ-Ċina, inkluż billi l-Istati Membri jitħallew jimponu kontromiżuri kollettivi fuq bażi volontarja, anki jekk in-natura tal-attakki ma tkunx serja

biżżejjed biex tiskatta l-Artikolu 5 tat-Trattat tan-NATO jew l-Artikolu 42(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

28. Jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ u tikkoordina azzjonijiet immirati lejn il-ġlieda kontra l-finanzjament barrani tal-proċessi demokratiċi tagħna min-naħa taċ-Ċina, inkluża l-istrateġija ta' distribuzzjoni inġusta tal-benefiċċji tal-ġestjoni konġunta u t-teknika ta' co-opting ta' ħaddiema taċ-ċivil tal-ogħla livell u eks politiċi tal-UE;

29. Jinsab imħasseb dwar il-pressjoni diplomatika assertiva u, xi drabi, aggressiva mill-awtoritajiet Ċiniżi, pereżempju fil-konfront tal-President tas-Senat Ċiniż; jisħaq li l-istituzzjonijiet tal-UE ma jistgħu bl-ebda mod iċedu għal pressjoni jew ċensura mill-mezzi Ċiniżi; jinsab imħasseb dwar pressjoni żejda mill-uffiċjali Ċiniżi fuq ir-riċerkaturi u l-akkademiċi li jaħdmu fuq suġġetti relatati maċ-Ċina madwar l-UE, inklużi l-attivitajiet tal-istituti Confucius fl-UE;

***Il-bini ta' sħubijiet ma' sħab tal-istess fehma***

30. Jistieden lill-VP/RGħ jikkoordina l-azzjonijiet tal-Unjoni ma' sħab tal-istess fehma dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-appoġġ għan-nies fiċ-Ċina u Hong Kong u għad-dijaspora Ċiniża madwar id-dinja, kif ukoll id-difiża tad-demokrazija liberali fid-dinja, b'mod partikolari f'Hong Kong u t-Tajwan, u bil-ħsieb li ċ-Ċina timpenja ruħha li tirrispetta d-dritt internazzjonali, id-dritt għal dimostrazzjonijiet pubbliċi bħala eżerċizzju tal-libertà tal-espressjoni u l-libertà ta' għaqda, il-libertà ta' navigazzjoni, inkluż fl-Ibħra taċ-Ċina tan-Nofsinhar u taċ-Ċina tal-Lvant, it-titjiriet li jgħaddu minn fuq iċ-Ċina u s-soluzzjoni paċifika għat-tilwim; jissottolinja, barra minn hekk, li tali sħubijiet u kooperazzjoni multilaterali ma' sħab tal-istess fehma għandhom jinkludu l-elementi u l-miżuri kollha deskritti fl-istrateġija UE-Ċina l-ġdida;

31. Jesprimi tħassib serju dwar il-politiki assertivi u espansjonisti taċ-Ċina fil-Baħar taċ-Ċina tan-Nofsinhar, fil-Baħar taċ-Ċina tal-Lvant u fl-Istrett tat-Tajwan, speċjalment il-provokazzjoni militari kontinwa taċ-Ċina mmirata lejn it-Tajwan; jissottolinja li l-istatus quo fl-Istrett tat-Tajwan u l-libertà tan-navigazzjoni fir-reġjun Indo-Paċifiku huma ta' importanza kritika għall-UE u għall-Istati Membri tagħha; itenni l-oppożizzjoni tiegħu għal kwalunkwe azzjoni unilaterali li tista' żżid it-tensjonijiet u ddgħajjef l-istatus quo; jinkoraġġixxi l-iżvilupp kostruttiv tar-relazzjonijiet bejn l-istretti u jisħaq fuq kwalunkwe bidla fir-relazzjonijiet bejn l-istretti ma tridx issir kontra r-rieda taċ-ċittadini tat-Tajwan; jesprimi t-tħassib espress mill-Ġappun u mill-Istati Uniti dwar liġi ġdida fiċ-Ċina li tawtorizza lill-bastimenti tal-gwardja tal-kosta Ċiniżi jużaw armi kontra bastimenti barranin li jiksru dak li ċ-Ċina tikkunsidra li huwa t-territorju tagħha; jitlob lill-UE tindirizza dawn il-kwistjonijiet kemm fl-istrateġija UE-Ċina l-ġdida kif ukoll fl-istrateġija tal-UE għall-kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku, u żżid l-iskambji diplomatiċi multilaterali sabiex tinkiseb is-soluzzjoni paċifika tat-tilwim u l-kontroversji f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluża l-UNCLOS;

32. Jitlob lill-Istati Membri jinvestu f'kooperazzjoni aktar b'saħħitha ma' sħab demokratiċi u tal-istess fehma bħall-Istati Uniti, il-Kanada, ir-Renju Unit, il-Ġappun, l-Indja, il-Korea t'Isfel, l-Awstralja, New Zealand u t-Tajwan, u jistieden lis-SEAE u lill-Istati Membri jagħtu prijorità u jsaħħu s-Sħubijiet Strateġiċi mal-ASEAN u mal-Unjoni Afrikana;

33. Jikkunsidra li huwa ta' importanza primarja li l-UE tiżviluppa u tippromwovi relazzjoni

transatlantika ambizzjuża u dinamika mal-Gvern tal-Istati Uniti, ibbażata fuq l-istorja, il-valuri u l-interessi kondiviżi tagħna, fil-qafas ta' djalogu Trans-Atlantiku dwar iċ-Ċina, inkluża dimensjoni parlamentari; jissottolinja l-importanza tas-sħubija bejn l-UE u l-Istati Uniti fiż-żamma u fid-dimostrazzjoni tas-saħħa magħquda tad-demokraziji liberi globali, inkluż permezz tal-ħidma tagħna f'organizzazzjonijiet multilaterali; jenfasizza f'dan ir-rigward li d-djalogu l-ġdid bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar iċ-Ċina għandu jkun wieħed mill-mekkaniżmi għall-avvanz tal-interessi kondiviżi tagħna u għall-ġestjoni tad-differenzi tagħna, u għar-riforma tal-organizzazzjonijiet multilaterali fil-qafas tal-ordni bbażata fuq ir-regoli; jemmen li l-UE għandha tkompli ssaħħaħ l-awtonomija operazzjonali u r-reżiljenza tal-Unjoni lejn it-theddid estern;

34. Jissottolinja l-importanza li l-UE tibqa' attenta fir-rigward tar-rwol li qiegħed jinbidel taċ-Ċina u l-influwenza dejjem tikber tagħha fl-organizzazzjonijiet multilaterali, inkluż fin-NU, li għalihom iċ-Ċina hija t-tieni l-akbar kontributur finanzjarju, u tiżgura koordinazzjoni aħjar fost l-Istati Membri u sħab bl-istess tal-istess fehma lejn il-punt li s-saħħa tad-demokraziji liberali globali tingħaqad flimkien sabiex ikun hemm rispons għal dan l-iżvilupp; jinnota li l-involviment akbar tal-Gvern Ċiniż ma' istituzzjonijiet internazzjonali u multilaterali, bħan-NU, l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), l-Interpol, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura, l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili (ICAO), inklużi korpi li jistabbilixxu l-istandards, għandu l-għan li jfassal mill-ġdid in-normi, l-istandards u l-prattiki fuq livell globali sabiex titrawwem l-istrateġija ġeopolitika fit-tul u l-interessi ekonomiċi taċ-Ċina; jesprimi dispjaċir li ċ-ċensura domestika Ċiniża, li issa qed tiġi eżerċitata, fost l-oħrajn, fin-NU, għandha l-għan li timmanipula l-proċeduri biex jiġi mminimizzat l-iskrutinju tal-imġiba taċ-Ċina, b'mod partikolari fil-każ tas-sitwazzjoni tal-minoranzi tal-Musulmani Ujguri u ta' Musulmani Turkiċi etniċi oħra; jistieden lill-UE taħdem ma' sħab tal-istess fehma biex tiġġieled dawn l-iżviluppi;

35. Jisħaq li ċ-Ċina hija l-akbar fornitur ta' gwardjani tal-paċi fost il-ħames membri permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, iżda rrifjutat li tadotta taqsimiet mill-Kapitolu VII tal-Karta tan-NU u l-pilastru tar-Responsabbiltà għall-Protezzjoni (R2P); jissottolinja li l-UE integrat l-R2P fl-azzjoni esterna tagħha;

36. Jitlob li jkun hemm kooperazzjoni aktar b'saħħitha tal-UE man-NATO dwar l-isfidi tas-sigurtà taċ-Ċina; jappoġġja l-proposta tan-NATO li tiġi żviluppata strateġija politika biex tiġi indirizzata dinja li fiha ċ-Ċina se tkun superpotenza globali; jitlob li din l-istrateġija tkun ibbażata fuq xenarji differenti għall-iżvilupp tar-relazzjonijiet maċ-Ċina, inkluża l-possibbiltà ta' aktar deterjorament tas-sigurtà fil-Baħar taċ-Ċina tan-Nofsinhar, u jappella għal djalogu u koordinazzjoni mal-pajjiżi tad-Djalogu dwar is-Sigurtà Kwadrilaterali; jilqa' l-isforzi tan-NATO biex timmonitorja bir-reqqa l-implikazzjonijiet tas-sigurtà taż-żieda fil-preżenza fiżika taċ-Ċina fl-Artiku, kif ukoll fl-Afrika; jirrakkomanda li l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO dwar l-isfidi ta' sigurtà relatati maċ-Ċina titqies b'mod suffiċjenti filwaqt li jiġi elaborat il-Forum Strateġiku tal-UE u jiġi rieżaminat il-kunċett Strateġiku tan-NATO;

37. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kunsill li jsaħħaħ l-enfasi strateġika, il-preżenza u l-azzjoni tal-UE fir-reġjun Indo-Paċifiku billi jniedi strateġija ġdida tal-UE għall-kooperazzjoni fir-reġjun Indo-Paċifiku, kif ukoll strateġija ġdida għall-konnettività; jinnota li kwalunkwe

strateġija ġdida bħal din għandha tkun konformi mal-istrateġija UE-Ċina;

38. Jidhirlu pertinenti li l-Kummissjoni tforni rapporti puntwali u komprensivi dwar is-Sħubija Ekonomika Reġjonali Komprensiva (RCEP) – l-akbar ftehim ta' kummerċ ħieles fid-dinja – bil-għan li tivvaluta l-iżviluppi fil-post; huwa partikolarment interessat fl-implikazzjonijiet għall-interessi strateġiċi tal-UE ta' temi bħall-iffissar ta' standards fir-reġjun Asja-Paċifiku kif ukoll dispożizzjonijiet dwar ir-regoli tal-oriġini; josserva li għad li l-UE mhijiex parti tal-RCEP, il-ftehim se jkollu implikazzjonijiet għall-UE; jenfasizza l-assenza ta' dispożizzjonijiet fl-RCEP dwar il-kummerċ u s-sostenibbiltà, inklużi l-istandards fil-qasam soċjali u tax-xogħol kif ukoll l-objettivi klimatiċi u ambjentali;

39. Ifakkar, fil-kuntest tad-dinamika reġjonali, fl-importanza tal-kummerċ u tar-relazzjonijiet ekonomiċi bejn l-UE u t-Tajwan, anki dwar aspetti relatati mal-multilateraliżmu u mad-WTO, mat-teknoloġija u mas-saħħa pubblika, kif ukoll mal-kooperazzjoni essenzjali f'dawk li huma provvisti kritiċi bħas-semikondutturi; josserva li t-Tajwan huwa membru sħiħ tad-WTO; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill favur ftehim bilaterali ta' investiment mat-Tajwan u jħeġġiġhom jagħmlu passi 'l quddiem f'dan is-sens, kif ukoll jibdew, b'urġenza, il-valutazzjoni tal-impatt, il-konsultazzjoni pubblika u l-eżerċizzju esplorattiv mal-awtoritajiet tat-Tajwan;

40. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tressaq proposti u azzjonijiet konkreti biex tiffaċilita l-parteċipazzjoni sħiħa tat-Tajwan bħala osservatur fil-laqgħat, fil-mekkaniżmu u fl-attivitajiet tad-WHO, tal-ICAO u tal-UNFCCC;

***It-trawwim ta' awtonomija strateġika miftuħa, inkluż fir-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment***

41. Jissottolinja li l-kundizzjonalità tal-investiment u tal-kummerċ fiha nnifisha mhijiex biżżejjed biex tilqa' għall-assertività Ċiniża; isib li l-UE għandha żżid l-awtonomija strateġika billi tindirizza dimensjonijiet oħra tar-relazzjoni bejn l-UE u ċ-Ċina, b'mod partikolari s-sovranità diġitali u teknoloġika; jissottolinja, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa li jsir investiment fl-innovazzjoni u fir-riċerka u li tiġi żviluppata strateġija industrijali kompetittiva u sovrana f'oqsma li jinkludu, iżda li mhumiex limitati għal, il-produzzjoni tal-mikroċipep u s-semikondutturi, l-estrazzjoni tal-materjali tal-art rari, il-cloud computing u t-teknoloġija tat-telekomunikazzjoni, sabiex titnaqqas id-dipendenza tal-UE miċ-Ċina, dejjem bil-ħsieb li tiġi żgurata koordinazzjoni aħjar ta' dawk il-politiki ma' dawk ta' demokraziji liberi oħra tal-istess fehma, filwaqt li jiġi esplorat il-potenzjal li r-riżorsi jingħabru flimkien u jinħolqu sinerġiji ġodda;

42. Josserva li, fl-2020, fil-kuntest tal-COVID-19, iċ-Ċina għall-ewwel darba kklassifikat ruħha bħala l-akbar sieħeb tal-UE fil-kummerċ ta' merkanzija, b'bilanċ kummerċjali dejjem aktar negattiv għall-UE; ifakkar, madankollu, li l-Istati Uniti għadhom l-ewwel sieħeb tal-UE f'termini ta' kummerċ fil-merkanzija u s-servizzi meqjusin flimkien; jemmen li l-qawmien ekonomiku taċ-Ċina u t-tkabbir imbassar se jħallu impatt notevoli fuq l-iżviluppi ekonomiċi globali fl-għaxar snin li ġejjin; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, għal raġunijiet differenti, il-livelli ta' investiment reċiproku għadhom taħt il-potenzjal tagħhom u jirrikonoxxi l-opportunitajiet ekonomiċi li jikkaratterizzaw ir-reġjun f'sens usa'; iqis li l-volum kummerċjali bejn iċ-Ċina u l-UE se jirrikjedi qafas ibbażat fuq

regoli u mmexxi mill-valuri li jeħtieġ ikun radikat fin-normi internazzjonali; jisħaq fuq il-fatt li r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem huwa rekwiżit preliminari għall-impenn fir-relazzjonijiet fil-qasam tal-kummerċ u tal-investimenti mal-UE u jħeġġeġ liċ-Ċina tikkonforma mal-obbligi internazzjonali tagħha u timpenja ruħha tirrispetta d-drittijiet tal-bniedem;

43. Jissottolinja r-rwol fundamentali li jiżvolġi l-Parlament Ewropew fil-politika kummerċjali komuni tal-UE, fin-negozjati internazzjonali kif ukoll fis-sorveljanza, fl-iskrutinju, fir-ratifika u fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' kummerċ u investiment; jenfasizza l-bżonn li l-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jiġi kkonsultat fil-pront u b'mod adegwat u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill iżommu djalogu frekwenti u jirrapportaw b'mod komprensiv, bil-għan li l-iżviluppi jiġu riflessi fl-aġenda fil-qasam tal-kummerċ u tal-investimenti bilaterali bejn l-UE u ċ-Ċina;

44. Jissottolinja l-importanza tar-relazzjoni strateġika tal-UE fil-qasam tal-kummerċ u tal-investimenti maċ-Ċina u jitlob lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE jindirizzaw ruħhom liċ-Ċina b'vuċi waħda u b'mod koordinat; iqis li l-inizjattivi ta' investiment fl-ambitu tal-format 16+1 la jridu jikkompromettu l-għaqda tal-UE u lanqas ikunu kontroproduċenti għall-isforzi tal-UE biex titkellem b'vuċi waħda;

45. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza d-dipendenzi ekonomiċi tal-UE fis-setturi strateġiċi, bħall-materja prima kritika, uħud minnhom jinsabu esklużivament fiċ-Ċina, u jenfasizza l-bżonn urġenti li titqawwa r-reżiljenza tal-ktajjen ta' provvista Ewropej; jappella għal sforzi għal diversifikazzjoni u konsolidament tal-aċċess tal-UE għar-riżorsi strateġiċi kruċjali neċessarji biex iħaddmu ż-żewġ magni tat-tkabbir, b'enfasi partikolari fuq it-30 element li huma inklużi fir-raba' lista aġġornata ta' materja prima kritika fl-2020; ifakkar fl-objettiv ġenerali tal-UE biex tinbena l-awtonomija strateġika miftuħa tagħha fl-ambitu tal-politika kummerċjali komuni; itenni l-importanza dejjem akbar tar-rabta bejn il-kummerċ u s-sigurtà fil-politika kummerċjali internazzjonali tal-UE;

46. Jappella għal iżjed trasparenza, koerenza u koordinament bejn l-Istati Membri dwar kwistjonijiet relatati ma' proġetti u ftehimiet ta' investiment bilaterali, b'mod partikolari dwar l-investiment dirett barrani fl-assi strateġiċi u fl-infrastrutturi kritiċi; jiġbed l-attenzjoni għar-rabtiet bejn id-dipendenzi ekonomiċi u l-influwenza politika esterna fil-livell tal-Istati Membri; ifakkar fl-importanza li jissaħħaħ ir-Regolament tal-UE dwar l-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fil-futur sabiex ikun żgurat li jiġi mblukkat kwalunkwe investiment potenzjali li jista' joħloq theddida għas-sigurtà u għall-ordni pubbliku tal-UE, b'mod partikolari mill-impriżi kkontrollati mill-Istat; jistieden lill-Istati Membri jadottaw b'urġenza mekkaniżmu ta' skrinjar nazzjonali jekk għadhom ma għandhomx, bi qbil mal-gwida tal-Kummissjoni minn Marzu 2020;

47. Jinsab konvint li r-relazzjoni bilaterali bejn l-UE u ċ-Ċina fil-qasam tal-kummerċ u tal-investimenti hija strateġikament importanti u għandha tkun ibbażata fuq ir-regoli, u fil-qalba tagħha għandu jkun hemm sistema kummerċjali multilaterali u l-prinċipju ta' reċiproċità; itenni li filwaqt li hemm tendenzi preokkupanti lejn diżakkoppjament ekonomiku, infurzar u rispett aktar assertivi tal-impenji huma neċessarji fil-qafas tar-relazzjoni globali fil-qasam tal-kummerċ u tal-investimenti; jappella liċ-Ċina tiżvolġi parti aktar attiva u responsabbli fid-WTO u f'inizjattivi multilaterali oħra, biex is-saħħa

ekonomika tagħha tikkorrispondi għal-livell ta' żvilupp tagħha, u tirrispetta bis-sħiħ l-obbligi kollha tagħha bl-ambitu internazzjonali u tad-WTO; jistieden lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet Ċiniżi jikkooperaw mill-qrib favur ir-riforma tal-ġabra ta' regoli tad-WTO biex jitrawwem żvilupp aktar sostenibbli, jiġu promossi t-tranżizzjoni ekoloġika u r-rivoluzzjoni diġitali kif ukoll jinġiebu l-istabbiltà u ċ-ċertezza tad-dritt fix-xenarju tal-kummerċ internazzjonali;

48. Jesprimi tħassib bir-relazzjoni kummerċjali u ekonomika bilaterali bejn l-UE u ċ-Ċina dejjem aktar żbilanċjata; jisħaq fuq il-fatt li r-riekwilibriju u aktar parità fil-kundizzjonijiet huma fundamentali għall-interessi tal-UE; jemmen li ċ-Ċina u l-UE jeħtiġilhom jiżviluppaw parità fil-kundizzjonijiet u jsawru relazzjoni produttiva minkejja d-differenzi bejn is-sistemi ekonomiċi rispettivi tagħhom; jissottolinja, f'dan ir-rigward, il-ħidma ma taqta' qatt tal-UE fit-tisħiħ tal-pakkett ta' strumenti kummerċjali tagħha, filwaqt li tirrikonoxxi l-bżonn li żżomm djalogu miftuħ dwar l-isfidi komuni, ngħidu aħna l-ġlieda globali kontra t-tibdil fil-klima; jisħaq fuq il-bżonn urġenti li l-UE tlesti l-firxa tagħha ta' miżuri awtonomi, inkluż Regolament tal-UE dwar l-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin li jkun aktar rigoruż, leġiżlazzjoni dwar il-sussidji barranin li jgħawġu s-suq intern, l-adozzjoni rapida ta' strument ta' akkwist internazzjonali assertiv u effikaċi, miżuri dwar l-esportazzjoni tat-teknoloġija b'użu doppju, strument effikaċi kontra l-koerċizzjoni, pakkett leġiżlattiv dwar il-governanza korporattiva sostenibbli u leġiżlazzjoni dwar il-ktajjen ta' provvista b'rekwiżiti relatati mad-diliġenza dovuta, li għandhom ukoll jipprevedu projbizzjoni fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti magħmulin minn xogħol furzat; jemmen li miżuri mmirati oħra fl-ambitu tar-reġim globali tas-Sanzjonijiet fuq id-Drittijiet tal-Bniedem tal-UE għandhom jiġu kkunsidrati bħala meħtieġa;

49. Itenni t-tħassib kbir tiegħu dwar il-ħafna ostakli li l-impriżi Ewropej isibu quddiemhom huma u jaċċedu għas-suq Ċiniż u joperaw fih; jesprimi tħassib li l-"istrateġija taċ-ċirkolazzjoni doppja" taċ-Ċina msemmija fl-Erbatax-il Pjan Kwinkwennali tagħha se tikkawża deterjorament ulterjuri tal-ambjent tan-negozju lill-kumpaniji tal-UE; jenfasizza għal darb'oħra t-tħassib partikolari tiegħu dwar il-prattiki ta' distorsjoni tas-suq bħal, iżda mhux biss, is-sussidji industrijali lill-impriżi statali Ċiniżi u t-trattament privileġġjat mogħti lilhom, is-serq ta' proprjetà intellettwali, trasferimenti furzati tat-teknoloġiji u l-lokalizzazzjoni tad-data, l-eċċess fil-kapaċità industrijali f'setturi bħall-azzar u d-dumping relatat tal-esportazzjonijiet kif ukoll prattiki kummerċjali żleali oħrajn u l-indħil politiku ġenerali dejjem akbar fl-ambjent tan-negozju, anki fis-settur privat; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom mas-sħab tal-istess fehma fid-WTO, bil-għan li jiżviluppaw approċċ konġunt biex jindirizzaw dawn il-prattiki kummerċjali żleali taċ-Ċina; jilqa' pożittivament id-djalogu bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar iċ-Ċina bħala mezz ta' kooperazzjoni dwar temi bħar-reċiproċità, il-multilateraliżmu, il-prattiki ta' distorsjoni tas-suq u l-ekonomija kif ukoll ta' kwistjonijiet strutturali oħra li fihom il-koordinament bejn l-UE u l-Istati Uniti jista' jwassal għal valur miżjud; jinsab konvint dwar l-importanza vitali ta' informazzjoni adegwata dwar l-iżviluppi leġiżlattivi u regolatorji fis-suq Ċiniż, fid-dawl tan-natura ftit li xejn trasparenti tagħha u mmexxija mill-Istat; ifakkar, f'dan il-kuntest, fl-importanza ta' diskussjonijiet frekwenti u skjetti mal-istituzzjonijiet tal-UE, mal-Kamra tal-Kummerċ tal-Unjoni Ewropea fiċ-Ċina u mas-sħab kollha tagħna fil-post;

50. Iqis li huwa pertinenti li jsiru diskussjonijiet speċifiċi dwar l-effetti negattivi relatati

mal-kummerċ tad-distorsjonijiet ikkawżati mill-kapaċità eċċessiva fl-azzar u fl-aluminju, kif ukoll dwar ir-rimedji possibbli għalihom, flimkien mal-importanza li jiġu indirizzati s-sussidji industrijali fid-WTO; iħeġġeġ liċ-Ċina terġa' timpenja ruħha fil-ħidma tal-Forum Globali dwar il-Kapaċità Eċċessiva tal-Azzar ħalli telimina l-kapaċità eċċessiva u terġa' tinġieb il-parità fil-kundizzjonijiet; josserva li, minkejja l-pjanijiet taċ-Ċina li tagħlaq is-siti ta' produzzjoni skaduti u timmodernizza l-produzzjoni, il-produzzjoni annwali tagħha f'termini ta' azzar grezz stabbiliet rekord għal erba' snin infila; jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet Ċiniżi jagħtu segwitu lill-wegħdiet tagħhom biex inaqqsu l-produzzjoni tal-azzar grezz;

51. Ifakkar, f'dan ir-rigward, fir-rabtiet bejn il-kummerċ, il-privattivi u l-istandards; jemmen li l-istandardizzazzjoni u l-elementi normattivi tal-kompetizzjoni internazzjonali dejjem akbar huma essenzjali għall-politika kummerċjali tal-UE u għandhom ikunu wieħed mill-pilastri fundamentali tal-politika industrijali strateġika tagħha; ifakkar li r-rapporti dwar l-istandardizzazzjoni qegħdin jirreferu għal din tal-aħħar bħala qasam ta' riskju li fih iċ-Ċina tista' twettaq diverġenza u diżakkoppjament; jenfasizza li l-kontrafazzjoni hija prijorità assoluta tal-isforzi tal-UE fl-aspetti kummerċjali tal-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali; jinsab imħasseb dwar il-fatt li ċ-Ċina għadha l-għajn ta' parti dominanti ta' prodotti kontrafatti u piratati li jaslu fl-UE f'termini kemm ta' valur kif ukoll ta' volum; jissottolinja l-mod kif l-Ftehim bejn l-UE u ċ-Ċina dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (IĠ) jirrappreżenta l-ewwel pass fil-ġlieda kontra l-kontrafazzjoni u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tintensifika l-isforzi tagħha biex tipproteġi l-proprjetà intellettwali tal-UE, inklużi l-privattivi; jinsab imħasseb dwar il-prattika emerġenti li qegħdin iħaddnu l-qrati Ċiniżi, li jirrivendikaw il-ġuriżdizzjoni dinjija għad-definizzjoni ta' kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-liċenzji ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji għall-privattivi essenzjali u li jimpedixxu lill-kumpaniji milli jikkontestaw id-deċiżjonijiet tagħhom; jissottolinja li din il-prattika hija ekwivalenti għall-fatt li l-kumpaniji Ċiniżi jitħallew ma jħallsux prezz ġust għall-użu ta' privattivi essenzjali, barra milli tpoġġi f'riskju r-riċerka Ewropea; jitlob lill-Kummissjoni tqajjem il-kwistjoni mal-awtoritajiet Ċiniżi; jitlob li tingħata attenzjoni aktar mill-qrib lill-ksur fl-oqsma tad-diġitalizzazzjoni u tal-komunikazzjonijiet fi ħdan l-organi rilevanti kollha, fosthom l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, flimkien mas-sħab li jaħsbuha bħall-UE, b'mod partikolari l-Istati Uniti; jitlob li jsiru aktar diskussjonijiet politiċi dwar l-implikazzjonijiet tal-inizjattivi Ċiniżi bħal "Made in China 2025" jew ta' "China Standards 2035" b'pertinenza dejjem akbar; huwa mħasseb, f'dan il-kuntest, bl-awtoritariżmu diġitali dejjem akbar min-naħa taċ-Ċina u bl-isforzi tagħha bit-tir li tippromwovi mad-dinja kollha l-mudell ta' governanza diġitali tagħha; jenfasizza fuq il-bżonn li jiġi konkluż il-Ftehim tad-WTO dwar il-Kummerċ Elettroniku fl-ambitu tal-Inizjattiva tad-Dikjarazzjoni Konġunta bil-għan li jiġu promossi livell bażiku ta' ftuħ u parità fil-kundizzjonijiet maċ-Ċina;

52. Jitlob li tingħata attenzjoni akbar lill-SMEs Ewropej li jidħlu f'relazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment maċ-Ċina u jilqa' pożittivament is-sostenn taċ-Ċina għall-inizjattivi favur l-SMEs, bħall-portal Access2Markets, l-għodda ta' Awtovalutazzjoni tar-Regoli tal-Oriġini (Rules of Origin Self-Assessment – ROSA) jew il-helpdesk tal-SMEs dwar id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali (DPI) fiċ-Ċina;

53. Jieħu nota tal-konklużjoni fil-prinċipju, fil-livell politiku, tas-CAI bejn l-UE u ċ-Ċina, filwaqt li jirrikonoxxi l-isforzi li għamlet il-Kummissjoni biex tindirizza n-nuqqasijiet

marbuta mal-asimmetriji fl-aċċess għas-suq, mal-parità fil-kundizzjonijiet u mal-iżvilupp sostenibbli permezz ta' impenn ibbażat fuq ir-regoli; ifakkar, iżda, li r-relazzjonijiet kummerċjali ma jsirux b'mod iżolat mill-kuntest ġenerali;

54. Jistieden lill-Kummissjoni tikkonsulta lill-Parlament qabel ma tieħu kwalunkwe azzjoni favur il-konklużjoni u l-iffirmar tal-Ftehim Komprensiv dwar l-Investiment (CAI); iħeġġeġ liċ-Ċina tieħu azzjonijiet konkreti favur ir-ratifika u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjonijiet fundamentali Nri 29 u 105 tal-ILO dwar ix-xogħol furzat; jenfasizza li ċ-Ċina impenjat ruħha timplimenta b'mod effettiv il-Konvenzjonijiet tal-ILO ratifikati u taħdem biex tirratifika l-Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO "aġġornati" l-oħra;

55. Josserva li s-26 Stat Membru tal-UE għandhom trattati bilaterali ta' investiment qodma maċ-Ċina; 56. Ifakkar, madankollu, li s-CAI waħdu ma jistax isolvi l-problemi kollha li jolqtu r-relazzjoni ekonomika u politika tagħna, u għaldaqstant irid jiġi kkunsidrat fil-kuntest ta' pakkett imsaħħaħ u aktar assertiv ta' miżuri unilaterali tal-UE; jissottolinja li l-Parlament Ewropew jiskrutinizza l-ftehim bir-reqqa, inkluża t-taqsima dwar l-iżvilupp sostenibbli;

57. Jisħaq li l-implimentazzjoni adegwata u l-infurzar effikaċi jkunu fatturi determinanti fundamentali tal-utilità u tas-suċċess tal-ftehim biex jikkoreġi l-asimmetriji strutturali fir-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment; jenfasizza r-rwol u r-rilevanza tal-iskambji strutturati u frekwenti mal-uffiċċju tal-Uffiċjal Kap tal-Infurzar għall-Kummerċ (CTEO) tal-Kummissjoni fl-isforzi biex issir evalwazzjoni tal-implimentazzjoni futura tal-Ftehim Komprensiv dwar l-Investiment (CAI) kemm-il darba jiġi adottat; ifakkar u jsaħħaħ, f'dan il-kuntest, l-importanza tad-diplomazija parlamentari biex jiġu aġevolati l-fehim reċiproku, il-komunikazzjoni trasparenti u d-djalogu sinċier;

58. Jilqa' b'sodisfazzjon id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar l-IĠ bejn l-UE u ċ-Ċina, u jtenni l-importanza tal-implimentazzjoni effettiva tiegħu u l-infurzar fis-swieq taż-żewġ partijiet; jilqa' l-espansjoni antiċipata tal-ftehim attwali biex jiżdiedu 350 denominazzjoni IĠ oħrajn miż-żewġ naħat; jissottolinja li dan il-ftehim limitat dwar l-IĠ jista' jservi ta' mudell u bażi għal ftehimiet dwar l-IĠ futuri; jenfasizza r-rwol kruċjali li se jiżvolġi s-CTEO fil-monitoraġġ u fit-titjib tal-konformità mal-ftehim; jistieden lis-CTEO jirreaġixxi minnufih jekk il-ftehim ma jkunx implimentat korrettament;

59. Jenfasizza li ċ-Ċina għad għandha triq twila qabel ma ssir ekonomija orjentata lejn is-suq, minħabba l-influwenza estrema li l-Istat għandu fuq l-ekonomija u fuq id-deċiżjonijiet tan-negozji relatati mal-prezzijiet, mal-ispejjeż, mal-produzzjoni u mal-inputs; jistieden, għalhekk, liċ-Ċina tieħu miżuri aktar miftuħa fir-rigward tad-ditti tagħha stess u ta' ditti barranin li joperaw fil-pajjiż;

60. Jappella għal aktar finanzjament għall-proġetti tal-introduzzjoni tal-5G u għar-riċerka dwar is-6G, l-intelliġenza artifiċjali (AI) u t-teknoloġija tal-big data, sabiex tiġi żgurata s-sigurtà futura tan-network u ż-żieda fis-sovranità diġitali li se jkunu vitali għad-diġitalizzazzjoni u għat-tkabbir ekonomiku, iżda wkoll biex jingħalaq id-distakk teknoloġiku maċ-Ċina u jiġu eliminati r-riskji li l-membri tan-NATO u s-sħab tagħha jistgħu jkunu esposti għalihom bl-integrazzjoni tat-teknoloġija 5G taċ-Ċina fin-networks tat-telekomunikazzjoni, peress li tali azzjoni tista' tnaqqar mill-futur tal-

governanza demokratika; jappella wkoll għal strateġija kkoordinata tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà u għal żieda fil-kapaċitajiet tal-Istati Membri f'dan il-qasam, sabiex, fost l-oħrajn, tissaħħaħ il-protezzjoni kontra t-theddid għall-infrastruttura kritika tal-UE li toħroġ minn pajjiżi terzi, inkluża ċ-Ċina;

61. Jissottolinja l-importanza tal-ħidma fuq ir-regolamentazzjoni tal-IA u fuq qafas ta' responsabbiltà etika u ċivili għas-sistemi tal-IA u t-teknoloġiji affiljati li jagħtu spinta lill-innovazzjoni ċċentrata fuq il-bniedem u li tkun sensittiva għall-privatezza, bi sħubija ma' sħab strateġiċi ewlenin li jaqsmu l-valuri liberali u demokratiċi tal-UE; jissottolinja li s-sistemi ta' punteġġ soċjali mhumiex konformi mal-valuri fundamentali tal-UE; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-UE tippreserva d-drittijiet tal-individwu; jisħaq, għalhekk, li politiki u għodod ta' sorveljanza bħal dawn ma għandhom fl-ebda ċirkostanza jintużaw fl-UE; jissottolinja, għalhekk, li l-UE jeħtiġilha taħdem biex tillimita u tiġġieled il-firxa transnazzjonali tar-repressjoni diġitali;

***Difiża u promozzjoni tal-interessi u l-valuri Ewropej ewlenin billi l-UE tinbidel f'attur ġeopolitiku aktar effettiv***

62. Jemmen li l-UE għandha tkompli taħdem lejn it-trasformazzjoni tagħha f'attur ġeopolitiku aktar effettiv billi tiżgura approċċ ġeopolitiku aktar magħqud tal-Istati Membri tagħha, kif ukoll billi trawwem l-awtonomija u l-kapaċità strateġika tagħha, billi taħdem flimkien mal-Istati Uniti u sħab oħra tal-istess fehma;

63. Jenfasizza li s-suċċess tal-politika Ewropea tal-viċinat jiddetermina l-kapaċità tal-UE li tassumi r-rwol tal-attur globali; iwissi dwar ir-rwol dejjem akbar taċ-Ċina fil-viċinat immedjat tal-UE, inklużi l-pajjiżi kandidati; jappella għal approċċ strateġiku fil-livell tal-UE biex jiġu miġġielda l-azzjonijiet Ċiniżi permezz ta' investimenti, self u attivitajiet ta' negozju fil-pajjiżi ġirien, b'mod partikolari fil-Balkani tal-Punent; jitlob b'mod partikolari impenn attiv tal-UE biex dawn il-pajjiżi jiġu pprovduti b'alternattiva vijabbli għall-investimenti Ċiniżi;

64. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jissaħħu l-għodod tal-UE biex tiddefendi lilha nnifisha, iżżid il-kapaċità tagħha li tipproteġi l-interessi tagħha lil hinn minn xtutha, taqdi rwol aktar proattiv, konsistenti u strateġiku fil-viċinat dirett tagħha u tiżgura li l-Istati Membri jkunu magħquda fl-approċċ ġeopolitiku tagħhom;

65. Jemmen li l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa għandha tipprovdi forum għal dibattitu dwar l-azzjoni esterna tal-UE, bħal dwar kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, u li tiddiskuti kif tista' tinkiseb awtonomija strateġika miftuħa; jissottolinja l-importanza li jiġu diskussi kwistjonijiet marbuta mat-titjib u t-tisħiħ tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni tal-UE, pereżempju billi l-VP/RGħ jingħata mandat aktar b'saħħtu biex jaġixxi f'isem l-UE fi kwistjonijiet ta' politika barranija u jieħu l-passi meħtieġa biex jintroduċi votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata f'ċerti oqsma tal-affarijiet barranin; jappella għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża fost l-Istati Membri, bil-għan li jissaħħu l-kapaċitajiet strateġiċi Ewropej tad-difiża, kif ukoll li tinħoloq Unjoni Ewropea tad-Difiża żviluppata bis-sħiħ, li tkun tinkludi l-kapaċitajiet militari Ewropej;

66. Jindika l-ħtieġa li s-SEAE jiġi mgħammar b'mandat u bir-riżorsi meħtieġa għall-monitoraġġ u għall-indirizzar tal-operazzjonijiet ta' diżinformazzjoni Ċiniżi, inkluż il-

ħolqien ta' Task Force StratCom għal-Lvant Imbiegħed li tiffoka fuq id-diżinformazzjoni li toriġina miċ-Ċina; jistieden liċ-Ċina toqgħod lura milli tuża mezzi moħbija ta' manipulazzjoni tad-diskors pubbliku fl-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa sistema regolatorja madwar l-UE kollha biex tipprevjeni lill-kumpaniji tal-media ffinanzjati jew ikkontrollati minn gvernijiet ta' pajjiżi terzi milli jakkwistaw kumpaniji tal-media Ewropej, sabiex jinżamm rapportar indipendenti u liberu dwar il-media fl-UE; jissuġġerixxi d-diversifikazzjoni tal-media tal-lingwa Ċiniża fl-Ewropa billi tiġi mħeġġa l-kooperazzjoni bejn il-media Ewropea u s-sħab internazzjonali, bħat-Tajwan; jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa urġenti li tingħata spinta sinifikanti lill-kapaċità tal-esperti fiċ-Ċina fis-SEAE u fil-Kummissjoni b'mod ġenerali;

67. Jindika l-importanza ta' studji u riċerka indipendenti dwar iċ-Ċina fl-universitajiet, fil-gruppi ta' riflessjoni, fl-istituzzjonijiet ta' riċerka u fl-iskejjel madwar l-UE, mingħajr appoġġ jew influwenza finanzjarja Ċiniża, filwaqt li jiġu żgurati l-integrità akkademika u l-libertà tal-kelma; jistieden lill-UE, għalhekk, tiżviluppa programm biex tiffinanzja r-riċerka relatata maċ-Ċina u t-taħriġ fil-lingwi fl-UE;

68. Jindika l-ħtieġa li jiġu introdotti, indipendentement mill-influwenza tas-CPC, programmi għall-istudju tal-kultura, il-lingwa u l-politika Ċiniżi, pereżempju permezz ta' kuntatti aktar mill-qrib mal-akkademja u s-soċjetà tat-Tajwan;

69. Jistieden lill-Kummissjoni tqis u tinkludi fl-istrateġija tagħha l-interess u l-involviment taċ-Ċina li qed jikbru malajr fl-Artiku; jappella li jkun hemm tħejjija biex tiġi żgurata l-libertà tan-navigazzjoni fir-Rotta tal-Baħar tat-Tramuntana tal-Artiku; jieħu nota tal-investimenti taċ-Ċina fir-riċerka u fl-infrastruttura strateġika fl-Artiku u jinnota li l-UE ma għandhiex taqa' lura f'dan ir-reġjun importanti;

°

° °

70. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, u għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

## OPINJONI TAL-MINORANZA

minn Idoia Villanueva Ruiz f'isem il-Grupp The Left

Ir-relazzjonijiet ta' benefiċċju reċiproku bejn l-UE u ċ-Ċina huma ta' importanza strateġika għaż-żewġ sħab u għall-istabbiltà internazzjonali. Iċ-Ċina hija sieħeb strateġiku għall-UE. Madankollu, iż-żewġ sħab għandhom interessi kunfliġġenti u fehmiet diverġenti f'ħafna oqsma. Dawn huma kompetituri ekonomiċi.

Mhuwiex fl-interess tal-UE li ssir parti mir-rivalità bejn iċ-Ċina u l-Istati Uniti. Ir-relazzjonijiet u l-interdipendenzi ekonomiċi u kummerċjali stabbiliti huma fatturi importanti ta' stabbilizzazzjoni għas-sħubija bejn l-UE u ċ-Ċina. Madankollu, it-tnejn saru dejjem aktar konxji mill-ħtieġa li jiġu evitati dipendenzi unilaterali u bdew jiżviluppaw strumenti biex tiġi żgurata sovranità strateġika.

L-istrateġija UE-Ċina l-ġdida tipprovdi opportunità għall-UE biex tistabbilizza u timmodernizza r-relazzjoni bbażata fuq ir-rispett reċiproku, il-kooperazzjoni u d-djalogu, il-promozzjoni ta' ordni multilaterali bbażata fuq ir-regoli, il-kummerċ ġust u mudell soċjoekonomiku ta' żvilupp ġdid li jiffavorixxi l-ambjent. Għandha tiffoka fuq il-kooperazzjoni u s-soluzzjonijiet innegozjati għal problemi f'oqsma fejn jeżistu interessi kunfliġġenti. B'mod konġunt, l-UE u ċ-Ċina jeħtiġilhom jassumu r-rwoli tagħhom bħala atturi internazzjonali biex jindirizzaw il-problemi globali, għandhom jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-kunflitti fid-dinja. Flimkien, huwa possibbli li jingħeleb in-nuqqas tal-vaċċin, u li jkun hemm kontribut għal irkupru ekonomiku globali sostenibbli u inklużiv mill-pandemija tal-COVID-19.

17.6.2021

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar strateġija UE-Ċina ġdida
(2021/2037(INI))

Rapporteur għal opinjoni (*): Iuliu Winkler

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Josserva li, fl-2020, fil-kuntest tal-COVID-19, iċ-Ċina għall-ewwel darba kklassifikat ruħha bħala l-akbar sieħeb tal-UE fil-kummerċ ta' merkanzija, b'bilanċ kummerċjali dejjem aktar negattiv għall-UE; ifakkar, madankollu, li l-Istati Uniti għadhom l-ewwel sieħeb tal-UE f'termini ta' kummerċ fi merkanzija u servizzi meqjusin flimkien; jemmen li l-qawmien ekonomiku taċ-Ċina u t-tkabbir imbassar se jħallu impatt notevoli fuq l-iżviluppi ekonomiċi globali fl-għaxar snin li ġejjin; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, għal raġunijiet differenti, il-livelli ta' investiment reċiproku għadhom taħt il-potenzjal tagħhom u jirrikonoxxi l-opportunitajiet ekonomiċi li jikkaratterizzaw ir-reġjun f'sens usa'; iqis li l-volum kummerċjali bejn iċ-Ċina u l-UE se jirrikjedi qafas ibbażat fuq regoli u mmexxi mill-valuri li jeħtieġ ikun radikat fin-normi internazzjonali; jisħaq fuq il-fatt li r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem huwa rekwiżit preliminari għall-impenn fir-relazzjonijiet fil-qasam tal-kummerċ u tal-investimenti mal-UE u jħeġġeġ liċ-Ċina tikkonforma mal-obbligi internazzjonali tagħha u timpenja ruħha tirrispetta d-drittijiet tal-bniedem;

2. Jissottolinja r-rwol fundamentali li jiżvolġi l-Parlament Ewropew fil-politika kummerċjali komuni tal-UE, fin-negozjati internazzjonali kif ukoll fis-sorveljanza, fl-iskrutinju, fir-ratifika u fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' kummerċ u investiment; jenfasizza l-bżonn li l-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jiġi kkonsultat fil-pront u b'mod adegwat u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill iżommu djalogu frekwenti u jirrapportaw b'mod komprensiv, bil-għan li l-iżviluppi jiġu riflessi fl-aġenda fil-qasam tal-kummerċ u tal-investimenti bilaterali bejn l-UE u ċ-Ċina;

3. Jissottolinja l-importanza tar-relazzjoni strateġika tal-UE fil-qasam tal-kummerċ u tal-investimenti maċ-Ċina u jistieden lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE jindirizzaw ruħhom liċ-Ċina b'vuċi waħda u b'mod koordinat; iqis li l-inizjattivi ta'

investiment fl-ambitu tal-format 16+1 la għandhom jikkompromettu l-għaqda tal-UE u lanqas ikunu kontroproduċenti għall-isforzi tal-UE biex titkellem b'vuċi waħda;

4. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza d-dipendenzi ekonomiċi tal-UE fis-setturi strateġiċi, bħall-materja prima kritika, uħud minnhom jinsabu esklużivament fiċ-Ċina, u jenfasizza l-bżonn urġenti li titqawwa r-reżiljenza tal-ktajjen ta' provvista Ewropej; jitlob li jsiru sforzi għal diversifikazzjoni u konsolidament tal-aċċess tal-UE għar-riżorsi strateġiċi kruċjali neċessarji biex iħaddmu ż-żewġ magni tat-tkabbir, b'enfasi partikolari fuq it-30 element li huma inklużi fir-raba' lista aġġornata ta' materja prima kritika fl-2020; ifakkar fl-objettiv ġenerali tal-UE biex tinbena l-awtonomija strateġika miftuħa tagħha fl-ambitu tal-politika kummerċjali komuni; itenni l-importanza dejjem akbar tar-rabta bejn il-kummerċ u s-sigurtà fil-politika kummerċjali internazzjonali tal-UE;

5. Jitlob iżjed trasparenza, koerenza u koordinament bejn l-Istati Membri dwar kwistjonijiet relatati ma' proġetti u ftehimiet ta' investiment bilaterali, partikolarment dwar l-investiment dirett barrani fl-assi strateġiċi u fl-infrastrutturi kritiċi; jiġbed l-attenzjoni għar-rabtiet bejn id-dipendenzi ekonomiċi u l-influwenza politika esterna fil-livell tal-Istati Membri; ifakkar fl-importanza li jissaħħaħ ir-Regolament tal-UE dwar l-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fil-futur sabiex ikun żgurat li jiġi mblukkat kwalunkwe investiment potenzjali li jista' joħloq theddida għas-sigurtà u għall-ordni pubbliku tal-UE, b'mod partikolari mill-impriżi kkontrollati mill-Istat; jistieden lill-Istati Membri jadottaw b'urġenza mekkaniżmu ta' skrinjar nazzjonali jekk għadhom ma għandhomx, bi qbil mal-gwida tal-Kummissjoni minn Marzu 2020;

6. Jinsab konvint li r-relazzjoni bilaterali bejn l-UE u ċ-Ċina fil-qasam tal-kummerċ u tal-investimenti hija strateġikament importanti u għandha tkun ibbażata fuq ir-regoli, u fil-qalba tagħha għandu jkun hemm sistema kummerċjali multilaterali u l-prinċipju ta' reċiproċità; itenni li filwaqt li hemm tendenzi preokkupanti lejn diżakkoppjament ekonomiku, infurzar u rispett aktar assertivi tal-impenji huma neċessarji fil-qafas tar-relazzjoni globali fil-qasam tal-kummerċ u tal-investimenti; jistieden liċ-Ċina tiżvolġi parti aktar attiva u responsabbli fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u f'inizjattivi multilaterali oħra, biex is-saħħa ekonomika tagħha tikkorrispondi għal-livell ta' żvilupp tagħha, u tirrispetta bis-sħiħ l-obbligi kollha tagħha bl-ambitu internazzjonali u tad-WTO; jistieden lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet Ċiniżi jikkooperaw mill-qrib favur ir-riforma tal-ġabra ta' regoli tad-WTO biex jitrawwem żvilupp aktar sostenibbli, jiġu promossi t-tranżizzjoni ekoloġika u r-rivoluzzjoni diġitali kif ukoll jinġiebu l-istabbiltà u ċ-ċertezza tad-dritt fix-xenarju tal-kummerċ internazzjonali;

7. Jistieden liċ-Ċina tosserva l-istandards internazzjonali, inkluż fir-rigward tal-impatt tagħha fuq il-klima, l-ambjent, il-bijodiversità, il-faqar, is-saħħa, id-drittijiet relatati max-xogħol u d-drittijiet tal-bniedem; iħeġġeġ liċ-Ċina, fil-kuntest tal-promozzjoni tal-kummerċ u tal-iżvilupp sostenibbli, tieħu azzjoni konkreta favur ir-ratifika u l-implimentazzjoni tal-erba' Konvenzjonijiet fundamentali pendenti tal-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (ILO) u tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi; jiddispjaċih bil-fatt li diversi kumpaniji internazzjonali, b'mod partikolari fis-settur tal-ħwejjeġ u tat-tessuti, kienu suġġetti għal bojkott estensiv u mifrux wara li esprimew tħassib dwar ir-rapporti ta' xogħol furzat fix-Xinjiang u ħadu d-deċiżjoni li jaqtgħu ir-rabtiet tal-ktajjen ta' provvista max-Xinjiang, u jikkundanna bil-qawwa l-koerċizzjoni politika eżerċitata kontrihom mill-Gvern Ċiniż; itenni t-talba tiegħu li l-Kummissjoni u

s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jiffinalizzaw malajr gwida dwar il-ktajjen ta' provvista indirizzata lill-kumpaniji li tagħtihom konsulenza dwar l-espożizzjoni għar-riskji li jisfruttaw ix-xogħol furzat tal-Ujguri u li tipprovdi appoġġ fl-identifikazzjoni urġenti ta' sorsi ta' provvista alternattivi;

8. Jinsab imħasseb bir-relazzjoni kummerċjali u ekonomika bilaterali bejn l-UE u ċ-Ċina dejjem aktar żbilanċjata; jisħaq fuq il-fatt li r-riekwilibriju u aktar parità fil-kundizzjonijiet huma fundamentali għall-interessi tal-UE; jemmen li ċ-Ċina u l-UE jeħtiġilhom jiżviluppaw parità fil-kundizzjonijiet u jsawru relazzjoni produttiva minkejja d-differenzi bejn is-sistemi ekonomiċi rispettivi tagħhom; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħidma ma taqta' qatt tal-UE fit-tisħiħ tal-pakkett ta' strumenti kummerċjali tagħha, filwaqt li tirrikonoxxi l-bżonn li żżomm djalogu miftuħ dwar l-isfidi komuni, ngħidu aħna l-ġlieda globali kontra t-tibdil fil-klima; jisħaq fuq il-bżonn urġenti li l-UE tlesti l-firxa tagħha ta' miżuri awtonomi, inkluż Regolament tal-UE dwar l-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin li jkun aktar rigoruż, leġiżlazzjoni dwar il-sussidji barranin li jgħawġu s-suq intern, l-adozzjoni rapida ta' strument ta' akkwist internazzjonali assertiv u effikaċi, miżuri dwar l-esportazzjoni tat-teknoloġija b'użu doppju, strument effikaċi kontra l-koerċizzjoni, pakkett leġiżlattiv dwar il-governanza korporattiva sostenibbli u leġiżlazzjoni dwar il-ktajjen ta' provvista b'rekwiżiti relatati mad-diliġenza dovuta, li għandhom ukoll jipprevedu projbizzjoni fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti magħmulin minn xogħol furzat;

9. Itenni t-tħassib kbir tiegħu dwar il-ħafna ostakli li l-impriżi Ewropej isibu quddiemhom huma u jaċċedu għas-suq Ċiniż u joperaw fih; huwa inkwetat li l-"istrateġija taċ-ċirkolazzjoni doppja" taċ-Ċina msemmija fl-Erbatax-il Pjan Kwinkwennali tagħha se tikkawża deterjorament ulterjuri tal-ambjent tan-negozju lill-kumpaniji tal-UE; jenfasizza għal darb'oħra t-tħassib partikolari tiegħu dwar il-prattiki ta' distorsjoni tas-suq bħal, iżda mhux biss, is-sussidji industrijali lill-impriżi statali Ċiniżi u t-trattament privileġġjat mogħti lilhom, is-serq ta' proprjetà intellettwali, trasferimenti furzati tat-teknoloġiji u l-lokalizzazzjoni tad-data, l-eċċess fil-kapaċità industrijali f'setturi bħall-azzar u d-dumping relatat tal-esportazzjonijiet kif ukoll prattiki kummerċjali żleali oħrajn u l-indħil politiku ġenerali dejjem akbar fl-ambjent tan-negozju, anki fis-settur privat; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom mas-sħab fid-WTO li jaħsbuha bl-istess mod, bil-għan li jiżviluppaw approċċ konġunt biex jindirizzaw dawn il-prattiki kummerċjali żleali taċ-Ċina; jilqa' pożittivament id-djalogu bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar iċ-Ċina bħala mezz ta' kooperazzjoni dwar temi bħar-reċiproċità, il-multilateraliżmu, il-prattiki ta' distorsjoni tas-suq u l-ekonomija kif ukoll ta' kwistjonijiet strutturali oħra li fihom il-koordinament bejn l-UE u l-Istati Uniti jista' jwassal għal valur miżjud; jinsab konvint tal-importanza vitali ta' informazzjoni adegwata dwar l-iżviluppi leġiżlattivi u regolatorji fis-suq Ċiniż, fid-dawl tan-natura ftit li xejn trasparenti tagħha u mmexxija mill-Istat; ifakkar, f'dan il-kuntest, fl-importanza ta' diskussjonijiet frekwenti u skjetti mal-istituzzjonijiet tal-UE, mal-Kamra tal-Kummerċ tal-Unjoni Ewropea fiċ-Ċina u mas-sħab kollha tagħna fil-post;

10. Iqis li huwa pertinenti li jsiru diskussjonijiet speċifiċi dwar l-effetti negattivi relatati mal-kummerċ tad-distorsjonijiet ikkawżati mill-kapaċità eċċessiva fl-azzar u fl-aluminju, kif ukoll dwar ir-rimedji possibbli għalihom, flimkien mal-importanza li jiġu indirizzati s-sussidji industrijali fid-WTO; iħeġġeġ liċ-Ċina terġa' timpenja ruħha fil-

ħidma tal-Forum Globali dwar il-Kapaċità Eċċessiva tal-Azzar ħalli telimina l-kapaċità eċċessiva u terġa' tinġieb il-parità fil-kundizzjonijiet; josserva li, minkejja l-pjanijiet taċ-Ċina li tagħlaq is-siti ta' produzzjoni skaduti u timmodernizza l-produzzjoni, il-produzzjoni annwali tagħha f'termini ta' azzar grezz stabbiliet rekord għal erba' snin infila; jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet Ċiniżi jagħtu segwitu lill-wegħdiet tagħhom biex inaqqsu l-produzzjoni tal-azzar grezz;

11. Ifakkar, f'dan ir-rigward, fir-rabtiet bejn il-kummerċ, il-privattivi u l-istandards; jemmen li l-istandardizzazzjoni u l-elementi normattivi tal-kompetizzjoni internazzjonali dejjem akbar huma essenzjali għall-politika kummerċjali tal-UE u għandhom ikunu wieħed mill-pilastri fundamentali tal-politika industrijali strateġika tagħha; ifakkar li r-rapporti dwar l-istandardizzazzjoni qegħdin jirreferu għal din tal-aħħar bħala qasam ta' riskju li fih iċ-Ċina tista' twettaq diverġenza u diżakkoppjament; jenfasizza li l-kontrafazzjoni hija prijorità assoluta tal-isforzi tal-UE fl-aspetti kummerċjali tal-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali; jinsab imħasseb dwar il-fatt li ċ-Ċina għadha l-għajn ta' parti dominanti ta' prodotti kontrafatti u piratati li jaslu fl-UE f'termini kemm ta' valur kif ukoll ta' volum; jissottolinja l-mod kif l-Ftehim bejn l-UE u ċ-Ċina dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (IĠ) jirrappreżenta l-ewwel pass fil-ġlieda kontra l-kontrafazzjoni u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tintensifika l-isforzi tagħha biex tipproteġi l-proprjetà intellettwali tal-UE, inklużi l-privattivi; jinsab imħasseb dwar il-prattika emerġenti li qegħdin iħaddnu l-qrati Ċiniżi, li jirrivendikaw il-ġurisdizzjoni dinjija għad-definizzjoni ta' kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-liċenzji ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji għall-privattivi essenzjali u li jimpedixxu lill-kumpaniji milli jikkontestaw id-deċiżjonijiet tagħhom; jissottolinja li din il-prattika hija ekwivalenti għall-fatt li l-kumpaniji Ċiniżi jitħallew ma jħallsux prezz ġust għall-użu ta' privattivi essenzjali, barra milli tpoġġi f'riskju r-riċerka Ewropea; jitlob lill-Kummissjoni tqajjem il-kwistjoni mal-awtoritajiet Ċiniżi; jitlob li tingħata attenzjoni aktar mill-qrib lill-ksur fl-oqsma tad-diġitalizzazzjoni u tal-komunikazzjonijiet fi ħdan l-organi rilevanti kollha, fosthom l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, flimkien mas-sħab li jaħsbuha bħall-UE, b'mod partikolari l-Istati Uniti; jitlob li jsiru aktar diskussjonijiet politiċi dwar l-implikazzjonijiet tal-inizjattivi Ċiniżi bħal "Made in China 2025" jew ta' "China Standards 2035" b'pertinenza dejjem akbar; huwa mħasseb, f'dan il-kuntest, bl-awtoritariżmu diġitali dejjem akbar min-naħa taċ-Ċina u bl-isforzi tagħha bit-tir li tippromwovi mad-dinja kollha l-mudell ta' governanza diġitali tagħha; jenfasizza fuq il-bżonn li jiġi konkluż il-Ftehim tad-WTO dwar il-Kummerċ Elettroniku fl-ambitu tal-Inizjattiva tad-Dikjarazzjoni Konġunta bil-għan li jiġu promossi livell bażiku ta' ftuħ u parità fil-kundizzjonijiet maċ-Ċina;

12. Jitlob li tingħata attenzjoni akbar lill-SMEs Ewropej li jidħlu f'relazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment maċ-Ċina u jilqa' pożittivament is-sostenn taċ-Ċina għall-inizjattivi favur l-SMEs, bħall-portal Access2Markets, l-għodda ta' Awtovalutazzjoni tar-Regoli tal-Oriġini (Rules of Origin Self-Assessment – ROSA) jew il-helpdesk tal-SMEs dwar id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali (DPI) fiċ-Ċina;

13. Jieħu nota tal-konklużjoni fil-prinċipju, fil-livell politiku, tal-Ftehim Komprensiv dwar l-Investiment (CAI) bejn l-UE u ċ-Ċina, filwaqt li jirrikonoxxi l-isforzi li għamlet il-Kummissjoni biex tindirizza n-nuqqasijiet marbuta mal-asimmetriji fl-aċċess għas-suq, mal-partià fil-kundizzjonijiet u mal-iżvilupp sostenibbli permezz ta' impenn ibbażat fuq ir-regoli; ifakkar, iżda, li r-relazzjonijiet kummerċjali ma jsirux b'mod iżolat mill-

kuntest ġenerali; jiddispjaċih bl-aġir inġust u inaċċettabbli Ċiniż li qiegħed jeħżien, li jikkonsisti mill-adozzjoni ta' sanzjonijiet fil-konfront ta' Membri eletti tal-Parlament Ewropew kif ukoll entitajiet u istituzzjonijiet tal-UE, billi dan ikompli jgħawwar il-fiduċja u jostakola l-kooperazzjoni bilaterali, u jissottolinja l-fatt li l-proċess ta' eżami u ta' ratifika tal-Ftehim Komprensiv dwar l-Investiment (CAI) ma jistax jibda sakemm ma jitneħħewx is-sanzjonijiet Ċiniżi fil-konfront tal-Membri tal-Parlament Ewropew u tal-istituzzjonijiet tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tikkonsulta lill-Parlament qabel ma tieħu kwalunkwe azzjoni favur il-konklużjoni u l-iffirmar tal-Ftehim Komprensiv dwar l-Investiment (CAI); iħeġġeġ liċ-Ċina tieħu azzjonijiet konkreti favur ir-ratifika u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjonijiet fundamentali nri 29 u 105 tal-ILO dwar ix-xogħol furzat; jenfasizza li ċ-Ċina impenjat ruħha timplimenta b'mod effettiv il-Konvenzjonijiet tal-ILO ratifikati u taħdem biex tirratifika l-Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO "aġġornati" l-oħra; jistieden lill-Kummissjoni tuża l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tagħha kif ukoll id-dibattitu dwar il-Ftehim Komprensiv dwar l-Investiment (CAI) bħala lieva biex ittejjeb il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u ssostni s-soċjetà ċivili fiċ-Ċina; jenfasizza, f'dan il-kuntest, ir-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2021 dwar il-kontrosanzjonijiet Ċiniżi; ifakkar li dan il-Ftehim waħdu ma jistax isolvi l-problemi kollha li jolqtu r-relazzjoni ekonomika u politika tagħna, u għaldaqstant irid jiġi kkunsidrat fil-kuntest ta' pakkett imsaħħaħ u aktar assertiv ta' miżuri unilaterali tal-UE; jissottolinja li l-Parlament Ewropew lill-ftehim ikun jagħmillu skrutinju bir-reqqa, anki tat-taqsima dwar l-iżvilupp sostenibbli, u jqis is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, inkluż f'Hong Kong, qabel ma jiddetermina l-pożizzjoni tiegħu; itenni t-tħassib serju ħafna tiegħu rigward d-diversi abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina u jfakkar li huwa essenzjali r-rispett sħiħ tal-valuri universali, indipendentement mid-differenzi bejn iż-żewġ sistemi; jisħaq fuq il-fatt li l-implimentazzjoni adegwata u l-infurzar effikaċi jkunu fatturi determinanti fundamentali tal-utilità u tas-suċċess tal-ftehim biex jikkoreġi l-asimmetriji strutturali fir-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment; jenfasizza r-rwol u r-rilevanza tal-iskambji strutturati u frekwenti mal-uffiċċju tal-Uffiċjal Kap tal-Infurzar għall-Kummerċ (CTEO) tal-Kummissjoni fl-isforzi biex issir evalwazzjoni tal-implimentazzjoni futura tal-Ftehim Komprensiv dwar l-Investiment (CAI) kemm-il darba jiġi adottat; ifakkar u jsaħħaħ, f'dan il-kuntest, l-importanza tad-diplomazija parlamentari biex jiġu aġevolati l-fehim reċiproku, il-komunikazzjoni trasparenti u d-djalogu sinċier;

14. Josserva li s-26 Stat Membru tal-UE għandhom trattati bilaterali ta' investiment qodma maċ-Ċina;

15. Jilqa' b'sodisfazzjon id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar l-IĠ bejn l-UE u ċ-Ċina, u jtenni l-importanza tal-implimentazzjoni effettiva tiegħu u l-infurzar fis-swieq taż-żewġ partijiet; jilqa' pożittivament l-espansjoni antiċipata tal-ftehim attwali biex jiżdiedu 350 denominazzjoni IĠ oħrajn miż-żewġ naħat; jissottolinja li dan il-ftehim limitat dwar l-IĠ jista' jservi ta' mudell u bażi għal ftehimiet dwar l-IĠ futuri; jenfasizza r-rwol kruċjali li se jiżvolġi s-CTEO fil-monitoraġġ u fit-titjib tal-konformità mal-ftehim; jistieden lis-CTEO jirreaġixxi minnufih jekk il-ftehim ma jkunx implimentat korrettament;

16. Jidhirlu pertinenti li l-Kummissjoni tforni rapporti puntwali u komprensivi dwar is-Sħubija Ekonomika Reġjonali Komprensiva (RCEP) – l-akbar ftehim ta' kummerċ ħieles fid-dinja – bil-għan li tivvaluta l-iżviluppi fil-post; huwa partikolarment interessat

fl-implikazzjonijiet għall-interessi strateġiċi tal-UE ta' temi bħall-iffissar ta' standards fir-reġjun Asja-Paċifiku kif ukoll dispożizzjonijiet dwar ir-regoli tal-oriġini; josserva li għad li l-UE mhijiex parti tal-RCEP, il-ftehim se jkollu implikazzjonijiet għall-UE; jenfasizza l-assenza ta' dispożizzjonijiet fl-RCEP dwar il-kummerċ u s-sostenibbiltà, inklużi l-istandards fil-qasam soċjali u tax-xogħol kif ukoll l-objettivi klimatiċi u ambjentali;

17. Ifakkar, fil-kuntest tad-dinamika reġjonali, fl-importanza tal-kummerċ u tar-relazzjonijiet ekonomiċi bejn l-UE u t-Tajwan, anki dwar aspetti relatati mal-multilateraliżmu u mad-WTO, mat-teknoloġija u mas-saħħa pubblika, kif ukoll mal-kooperazzjoni essenzjali f'dawk li huma provvisti kritiċi bħas-semikondutturi; josserva li t-Tajwan huwa membru sħiħ tad-WTO; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill favur ftehim bilaterali ta' investiment mat-Tajwan u jħeġġiġhom jagħmlu passi 'l quddiem f'dan is-sens, kif ukoll jibdew, b'urġenza, il-valutazzjoni tal-impatt, il-konsultazzjoni pubblika u l-eżerċizzju esplorattiv mal-awtoritajiet tat-Tajwan;

18. Jissottolinja l-impenn attiv taċ-Ċina u l-influwenza dejjem akbar fir-reġjun Artiku, anki fl-attività ekonomika; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza, fl-istrateġija imminenti tagħha dwar l-Artiku, l-influwenza dejjem akbar, it-theddid u r-riskji possibbli taċ-Ċina u r-reazzjoni tal-UE għalihom.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 17.6.2021 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 38<br>–: 0<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Barry Andrews, Anna-Michelle Asimakopoulou, Tiziana Beghin, Geert Bourgeois, Saskia Bricmont, Jordi Cañas, Daniel Caspary, Miroslav Číž, Arnaud Danjean, Paolo De Castro, Emmanouil Fragkos, Raphaël Glucksmann, Markéta Gregorová, Roman Haider, Christophe Hansen, Heidi Hautala, Danuta Maria Hübner, Herve Juvin, Karin Karlsbro, Maximilian Krah, Danilo Oscar Lancini, Bernd Lange, Margarida Marques, Gabriel Mato, Sara Matthieu, Emmanuel Maurel, Carles Puigdemont i Casamajó, Samira Rafaela, Inma Rodríguez-Piñero, Massimiliano Salini, Helmut Scholz, Liesje Schreinemacher, Sven Simon, Dominik Tarczyński, Mihai Tudose, Kathleen Van Brempt, Marie-Pierre Vedrenne, Jörgen Warborn, Iuliu Winkler, Juan Ignacio Zoido Álvarez |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Michiel Hoogeveen |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 38 | + |
|---|---|
| ECR | Geert Bourgeois, Michiel Hoogeveen, Dominik Tarczyński |
| ID | Roman Haider, Herve Juvin, Danilo Oscar Lancini |
| NI | Tiziana Beghin, Carles Puigdemont i Casamajó |
| PPE | Anna-Michelle Asimakopoulou, Daniel Caspary, Arnaud Danjean, Christophe Hansen, Danuta Maria Hübner, Gabriel Mato, Massimiliano Salini, Sven Simon, Jörgen Warborn, Iuliu Winkler, Juan Ignacio Zoido Álvarez |
| Renew | Jordi Cañas, Svenja Hahn, Karin Karlsbro, Samira Rafaela, Liesje Schreinemacher, Marie-Pierre Vedrenne |
| S&D | Miroslav Číž, Paolo De Castro, Raphaël Glucksmann, Bernd Lange, Margarida Marques, Inma Rodríguez-Piñero, Mihai Tudose, Kathleen Van Brempt |
| The Left | Emmanuel Maurel |
| Verts/ALE | Saskia Bricmont, Markéta Gregorová, Heidi Hautala, Sara Matthieu |

| 3 | 0 |
|---|---|
| ECR | Emmanouil Fragkos |
| ID | Maximilian Krah |
| The Left | Helmut Scholz |

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 15.7.2021 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 58<br>–: 8<br>0: 4 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Alviina Alametsä, Alexander Alexandrov Yordanov, Maria Arena, Petras Auštrevičius, Traian Băsescu, Anna Bonfrisco, Reinhard Bütikofer, Fabio Massimo Castaldo, Susanna Ceccardi, Włodzimierz Cimoszewicz, Katalin Cseh, Tanja Fajon, Anna Fotyga, Michael Gahler, Giorgos Georgiou, Sunčana Glavak, Raphaël Glucksmann, Klemen Grošelj, Bernard Guetta, Márton Gyöngyösi, Andrzej Halicki, Sandra Kalniete, Dietmar Köster, Maximilian Krah, Andrius Kubilius, Ilhan Kyuchyuk, David Lega, Miriam Lexmann, Nathalie Loiseau, Antonio López-Istúriz White, Jaak Madison, Claudiu Manda, Thierry Mariani, Vangelis Meimarakis, Sven Mikser, Francisco José Millán Mon, Javier Nart, Urmas Paet, Demetris Papadakis, Kostas Papadakis, Tonino Picula, Manu Pineda, Giuliano Pisapia, Thijs Reuten, Jérôme Rivière, María Soraya Rodríguez Ramos, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Jacek Saryusz-Wolski, Andreas Schieder, Radosław Sikorski, Jordi Solé, Sergei Stanishev, Tineke Strik, Hermann Tertsch, Hilde Vautmans, Harald Vilimsky, Idoia Villanueva Ruiz, Viola Von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz, Witold Jan Waszczykowski, Charlie Weimers, Isabel Wiseler-Lima, Salima Yenbou, Željana Zovko |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Ioan-Rareş Bogdan, Andrey Kovatchev, Marisa Matias, Gabriel Mato, Milan Zver |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 58 | + |
|---|---|
| ECR | Anna Fotyga, Jacek Saryusz-Wolski, Hermann Tertsch, Witold Jan Waszczykowski |
| ID | Anna Bonfrisco, Susanna Ceccardi |
| NI | Fabio Massimo Castaldo, Márton Gyöngyösi |
| PPE | Alexander Alexandrov Yordanov, Traian Băsescu, Ioan-Rareş Bogdan, Michael Gahler, Sunčana Glavak, Andrzej Halicki, Sandra Kalniete, Andrey Kovatchev, Andrius Kubilius, David Lega, Miriam Lexmann, Antonio López-Istúriz White, Gabriel Mato, Vangelis Meimarakis, Francisco José Millán Mon, Radosław Sikorski, Isabel Wiseler-Lima, Željana Zovko, Milan Zver |
| Renew | Petras Auštrevičius, Katalin Cseh, Klemen Grošelj, Bernard Guetta, Ilhan Kyuchyuk, Nathalie Loiseau, Javier Nart, Urmas Paet, María Soraya Rodríguez Ramos, Hilde Vautmans |
| S&D | Maria Arena, Włodzimierz Cimoszewicz, Tanja Fajon, Raphaël Glucksmann, Claudiu Manda, Sven Mikser, Demetris Papadakis, Tonino Picula, Giuliano Pisapia, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Andreas Schieder, Sergei Stanishev |
| Verts/ALE | Alviina Alametsä, Reinhard Bütikofer, Jordi Solé, Tineke Strik, Viola Von CramonTaubadel, Thomas Waitz, Salima Yenbou |

| 8 | - |
|---|---|
| ID | Maximilian Krah, Thierry Mariani, Jérôme Rivière |
| NI | Kostas Papadakis |
| The Left | Giorgos Georgiou, Marisa Matias, Manu Pineda, Idoia Villanueva Ruiz |

| 4 | 0 |
|---|---|
| ECR | Charlie Weimers |
| ID | Jaak Madison, Harald Vilimsky |
| S&D | Dietmar Köster |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni